# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## SEDUTA 29 TA' MARZU 2022

**Kawża Numru: 3K**

**Rik. Kost. 690/2021 RGM**

**Adrian Agius (K.I. 328078 (M))**

**Robert Agius (K.I. 569383 (M))**

**Jamie Vella (K.I. 286083 (M))**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

**U l-Avukat Generali**

**U b'digriet tat-2 ta' Dicembru, 2021 Dr Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia; u b'digriet tat-2 ta' Diċembru 2021 Mary Rose Chircop u Dr Kendrick Chircop ġew ammessi li jintervjenu f'dawn il-proceduri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Andrian Agius, Robert Agius u Jamie Vella** ippreżentat fis-27 t'Ottubru, 2021 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

"Illi attwalment ir-rikorrenti jinsabu ghaddejin proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja, akkuzati *inter alia* bil-qtil ta' Carmel Chircop kif ukoll ir-rikorrenti Robert Agius u Jamie Vella qed jigu akkuzati wkoll bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, fost akkuzi ulterjuri.

Fil-fatt fost diversi akkuzi ohra, l-esponenti Adrian Agius qieghed jigi akkuzat bl-omicidju ta' Carmel Chircop fil-waqt li r-rikorrenti Robert Agius u Jamie Vella qeghdin jigu akkuzati kemm bl-omicidju ta' Carmel Chircop kif ukoll bl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia

Illi kif gie ikkonfermat mill-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Keith Arnaud permezz tad-deposizzjoni tieghu fil-mori tal-proceduri kriminali hawn fuq riferiti, ossia il-proceduri fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Adrian Agius et.', liema deposizzjoni giet moghtija nhar id-9 ta' Marzu, 2021, r-rikorrenti ma tressqux qabel il-qorti sabiex iwiegbu ghal tali akkuzi stante li l-Pulizija ma kelliex provi bizejjed li a bazi taghhom setghet tipprocedi, madanakollu dan ix-xenarju nbidel ta' taht fuq hekk kif sar patteggjament dwar il-piena min-naha tal-ufficcju tal-Avukat Generali ma' Vincent Muscat fir-rigward tal-partecipazzjoni illi Muscat kellu fl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia kif ukoll wara li nghatat proklama presidenzjali lill-istess Muscat fir-rigward tal-involviment tieghu fl-omicidju tal-Avukat Carmel Chircop.

Is-Supretendent Arnaud xehed:

*"…bhala evidenza ma kellniex evidneza f'idejna biex stajna nipprocedu sakemm fil-gimghat li ghaddew kont infurmat bit-talba ghall-Proklama li kien ghamel Vincent Muscat biex huwa jkun jista jitkellem dwar dan il-kaz u fil-fatt kien avvicinani l-avukat Marc Sant biex Vince Muscat jkun jista jaghti xhiedha tieghu…"*

Ghall-fini ta' dan ir-rikors kostituzzjonali, l-ghoti ta' din il-proklama kif ukoll il-patteggjament maghmul mal-Avukat Generali sejrin jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dak konkluz mill-Bord tal-Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia.

Ghandu jigi mfakkar illi permezz ta' rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati ta' nhar it-12 ta' Dicembru, 2018 gie mwaqqaf bord ta' inkjesta sabiex jinvestiga u jirraporta dwar cirkostanzi tal-Assassinju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia sabiex *inter alia* jigi determinat jekk xi att jew ommissjoni illecita minn jew fi hdan xi entita' tal-Istat iffacilitatx tali assassinju kif ukoll jekk l-istat ikkawzax riskju reali u immedjat ghall-hajja ta' Daphne Caruana Galizia.

Illi kif gie indikat bi precizjoni fir-rapport tal-istess inkjesta pubblika, liema rapport gie prezentat lil Onor. Prim Ministru Dr. Robert Abela nhar id-29 ta' Lulju 2021, kien kompitu tal-istess bord ta' inkjesta illi jindaga l-entitajiet kollha tal-Istat u l-persuni li jikkomponu l-istess entitajiet, inkluz izda mhux biss l-organu legislattiv u gudizzjarju. Fost tali entitajiet hemm il-Kabinett, l-ufficju tal-President ta' Malta stante li l-awtorita ezekuttiva hija vestita fil-persuna tal-President kif ukoll l-ufficju tal-Avukat Generali.[1]

Minghajr ebda tlaqlieq u tidwir mal-lewza, il-Bord tal-Inkjesta Pubblika kkonkluda illi "l-Istat ghandu jerfa' r-responsabbilita' ghall-assassinju billi kkrea atmosfera ta' impunita'"[2]

Il-Bord jikkonkludi illi tali agir min-naha tal-istat, "ma setax ma kienx kontributorju ghall-holqien ta' ambjent ostili u allura element ta' inkorraggiment ghal min kien intenzjonat iwettaq id-delitt"[3]

Di piu' l-istess Bord ta' inkjesta ikkonkluda illi fost in-nuqqasijiet kollha tal-entitajiet tal-istat, liema nuqqasijiet jinsabu indikati fir-rapport tal-inkjesta

[1] Vide fol. 39-41 tar-rapport tal-bord tal-Inkjesta Pubblika
[2] Fol. 388 tar-rapport tal-bord tal-Inkjesta Pubblika
[3] Fol. 404 tar-rapport tal-borf tal-Inkjesta Pubblika

pubblika, l-agir tal-Kabinett senjatament l-inattivita' tal-Kabinett, "anke jekk wiehed jipprexxindi li ma seta' ma kienx determinant ghall-assassinju, kif il-Bord hu tal-fehma li kien, huwa att ta' omissjoni gravi u jammonta ghall-illecita censurabbli"

Illi kif sejjer jigi ampjament spjegat permezz ta' dan ir-rikors kif ukoll matul it-trattazzjoni tal-istess, l-esponenti umilment jissottomettu illi, ghal diversi ragunijiet, l-andament tal-proceduri kriminali fil-konfront taghhom huwa leziv tad-drittijiet fondamentali taghhom sanciti mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

**A. Dritt ghal Smiegh Xieraq (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea)**

**I. Dwar l-ghoti tal-Proklami**

Kif gia gie kkonfermat mill-Ufficjal Prosekutur fil-mori tal-proceduri kriminali istitwiti fil-konfront tal-esponenti, u cioe referenza qieghda ssir ghad-deposizzjoni tas-Supretendent Keith Arnaud ta' nhar id-9 ta' Marzu, 2021, r-rikorrenti ma tressqux qabel il-qorti sabiex iwiegbu ghal tali akkuzi stante li l-Pulizija ma kelliex provi bizejjed li a bazi taghhom setghet tipprocedi, madanakollu dan ix-xenarju nbidel ta' taht fuq hekk kif sar patteggjament dwar il-piena u nghatat proklama lil Vincent Muscat.

Ghaldaqstant wiehed jista' facilment jikkonkludi illi l-ghoti ta' din il-proklama kienet determinanti sabiex jitressqu l-Qorti u jwiegbu ghal diversi akkuzi serjissimi, liema akkuzi fir-rigward ta' Jamie Vella u Robert Agius jirrigwardjaw zewg omicidji u fir-rigward ta' Adrian Agius in konnessjoni mal-omicidju ta' Carmel Chircop.

Malta hija repubblika mibnija fuq is-saltna tad-dritt u ghax mibnija fuq is-saltna tad-dritt hadd ma hu 'l fuq mil-Ligi, kulhadd irid jirrispondi ghal ghemilu skont il-Ligi u hadd ma jista' jabbuza mill-poteri illi ttih l-Ligi.

Sabiex is-saltna tad-dritt tithaddem b'mod gust huwa mehtieg li t-tlett pilastri u poteri tal-istat, ossia l-ezekuttiv, il-Legislattiv u l-gudikatura jibqghu distinti fil-waqt li jahdmu b'mod separat minn xulxin sabiex b'hekk isiru dawk ic-'*checks and balances'* u konsegwentament jigi evitat kwalunkwe forma ta' abbuz. Meta l-ezekuttiv jiddeffes f'dak li huwa l-kompitu tal-qrati u allura tal-gudikatura, ikun hemm l-abbuz, xejn inqas u xejn aktar.

Huwa propju dan illi ghamel l-ezekuttiv meta l-Kabinett rrakomanda lill-President tar-Repubblika sabiex tinghata l-proklama lil Vincent Muscat, serial killer fuq ammissjoni tieghu stess, fuq il-qtil tal-Avukat Carmel Chircop.

Dan l-abbuz fl-ghoti tal-proklami mhumiex qeghdin isostnuh r-rikorrenti biss izda rritenih ghal diversi drabi l-eks dekan tal-Faculta tal-Ligi fi hdan l-Universita ta' Malta, il-Professur Kevin Aquilina. Il-Professur Aquilina f'artiklu ppublikat fil-gurnal 'The Times of Malta' nhar is-26 ta' Frar, 2013 intitolat 'For mercy to be fair to all' sostna illi:

*"There is a complete interference by the Executive in the workings of the courts because it is, after all, the courts' decisions that are normally disturbed when pardons, amnesties and remissions are granted.*

…

*The executive arm of the State – contrary to the judiciary – does not hear all the parties to the case. Nor does it respect due process of law. This makes the Cabinet or the Justice Minister far from ideal to carry out this executive review function of criminal court judgments."*

In oltre fl-istess artiklu, il-Professur Aquilina jghallem illi l-procedura sabiex tinghata l-proklama hija procedura illi tikser d-duttrina tas-separazzjoni tal-poteri u tilledi l-principji tal-gustizzja naturali.

*"I would also add that there is no respect for the separation of powers doctrine.*

…

*Of course, the prerogative of mercy is a vestige of the past that flouts the principles of natural justice once not all the parties to the criminal proceedings are necessarily heard. It should be a Council of State that should advise the President to grant or withhold such prerogative of mercy after all stakeholders involved in the judicial procedures and interested parties are consulted.”*

Ghandu jigi relevat illi tali procedura mhux talli tikser l-principji tal-gustizzja naturali, izda ghad-dirittura tista’ twassal ghall-ksur tel-jeddijiet fundamentali ta’ diversi individwi, bhalma huma d-drittijiet tar-rikorrenti, li spiccaw vittma tal-istess Vincent Muscat li ghax il-Kabinett irrakomanda illi jinghata proklama, semma lilhom bhala partecipi fl-omicidju ta’ Caruana Galizia u tal-avukat Chricop u dan a bazi ta’ dak illi allegatament qalulu terzi persuni.

L-esponenti jistaqsu?

1. Kif jista’ qatt ikun illi ma giex lez d-dritt taghhom ta’ smiegh xieraq meta il-kabinett ghogbu jirrakomanda proklama lil Vincent Muscat meta l-istess Kabinett naqas milli jisma’ dak illi kellhom xi jghidu huma ghall-allegazzjonijiet maghmula minn Muscat?
2. Kif jista’ qatt ikun illi ma giex lez d-dritt taghhom ta’ smiegh xieraq meta l-ghoti tal-proklami tikser bl-iktar mod sfaccat il-principji tal-gustizzja naturali?
3. Kif jista’ qatt ikun illi ma giex lez id-dritt taghhom ta’ smiegh xieraq meta dawk li ddecidew dwar l-istess proklama kellhom u/jew setgha kellhom kull interess illi l-proklama tinghata lil Muscat u mhux lil terzi persuni?
4. Kif jista’ qatt ikun illi ma giex lez d-dritt taghhom ta’ smiegh xieraq meta dawk li ddecidew dwar l-istess proklama kellhom u/jew setgha kellhom kull interess illi jissemghu u/jew ma jissemghux certu fatti illi b’mod partikualri jikkoncernaw l-omicidju ta’ Daphne Caruana Galizia?

5. Kif jsita' qatt ikun illi ma giex lez d-dritt taghhom ta' smiegh ieraq meta l-istess nies li ddecidew dwar din il-proklama, inzammu responsabbli ghall-istess assassinju?

Dawn il-mistoqsijiet kollha jirriflettu l-ingustizzja illi qeghdin jaffacjaw ir-rikorrenti fil-waqt li jipprogettaw dak mghallem mill-Professur Aquilina:

*"The consultation carried out, if and when this is done, is normally limited to government ministries, departments, agencies and/or the public administration which, in some form or another, are or were involved in the criminal proceedings or subsequent thereto. The persons consulted tend to be all ex parte consultees with their own interest to defend in those proceedings*

...

***In the case of Cabinet, a minister might somehow be involved in those proceedings. It could be that the offence was perpetrated by a public officer, employee, contractor or consultant within his/her ministry or the minister might have been somehow involved in the investigation or subsequent prosecution of another person, even if the minister is not the suspected person or alleged offender.*** (enfasi tar-rikorrenti)

...

*There is a complete interference by the Executive in the workings of the courts because it is, after all, the courts' decisions that are normally disturbed when pardons, amnesties and remissions are granted.*

*In the case of the courts, there are quite a number of guarantees that have to be respected to ensure due process of law.*

*The executive arm of the State – contrary to the judiciary – does not hear all the parties to the case. Nor does it respect due process of law. This makes the Cabinet or the Justice Minister far from ideal to carry out this executive review function of criminal court judgments."*

Stabbilit illi l-ghoti tal-proklami huwa process illi jmur kontra l-process demokratiku fil-waqt li jdghajjef is-saltna tad-dritt, tali hsara tigi accentwata bil-fatt illi fil-kaz odjern kif jirrizulta mill-konkluzjonijiet tal-inkjesta pubblika supra riferita kif ukoll mill-invrstigazzjonijeit fatt tal-Pulizija Ezekuttiva illi ghadhom qieghdin jinvestigaw diversi persuni fi hdan l-istess Ezekuttiv dwar l-involviment dirett u/jew indirett taghhom fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia kif ukoll bil-'*cover up'* tal-istess assassinju.

Ghandu jigi mfakkar illi skond il-Kodici Kriminal nostran, komplici mhuwiex biss meta wiehed jippartecipa b'mod attiv fil-kummissjoni tad-delitt, izda ghandu jitqies komplici wkoll kwalunkwe persuna illi ordnat id-delitt, tkun tat xi istruzzjonijiet kif isir id-delitt, kwalunkwe persuna illi bi kwalunkwe mod tkun ghenet jew assistiet fl-atti sabiex id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat kif ukoll kwalunkwe persuna illi tkun xewxet jew sahhet il-volonta' tal-awtur tad-delitt jew weghdet li wara d-delitt tassisti lill-awtur.

Dan kollu ghandu jigi moqri fid-dawl ta' dak emergenti mill-inkjesta pubblika fejn gie konkluz illi "l-iStat ghandu jerfa' responsabbilita' tal-assassinju"[4] Jirrizulta mill-istess rapport tal-inkjesta pubblika illi "ufficjali fil-kontroll ta' certi entitajiet naqsu li jaghmlu dmirhom kemm qabel kif ukoll wara li gie kommess l-omicidju"[5] Dan l-agir min-naha tal-istat, "ma setax ma kienx kontributorju ghall-holqien ta' ambjent ostili u allura element ta' inkorragiment ghal min kien intenzjonat iwettaq id-delitt"[6] Finalment l-istess Bord illi mexxa din l-inkjesta pubblika kkonkluda illi "il-bord ma jistax ma jirravizax ir-responsabbilita' kollettiva tal-membri tal-Kabinet meta naqsu li jiehdu l-azzjonijiet mehtiega"

B'kull dovut rispett mela min-naha ghandha l-bord illi mexxa l-inkjesta pubblika illi kkonkluda illi diversi entitajiet tal-Istat, senjatament l-Ezekuttiv u b'mod partikulari l-Kabinett, kellu jerfa' r-responsabilta' ta' dan l-assassinju u min-naha l-ohra l-istess Kabinett qieghed jinza' l-kappell ezekuttiv tieghu,

[4] Fol. 388 tal-inkjesta pubblika
[5] Fol. 403 tal-inkjesta pubblika
[6] Fol. 404 tal-inkjesta pubblika

jilbes il-kappell ta' gudikant u effettivament jiddeciedi min mill-akkuzati fl-istess omicidju ghandu jinghata proklama, x'piena ghandu jinghata l-ezekutur tal-assassinju u ghad-dirittura dan jaghmlu wara li jisma' x'suppost jaf dan l-assassin u wara li jiddetermina jekk dak li jaf l-ezekutur tad-delitt sejjer jaffetwax xi wiehed jew aktar membri tal-istess ezekuttiv.

Sitwazzjoni ironika iktar minn hekk, wiehed irid jimmagina!

Dan kollu jirrifletti dak mistqarr minn Dr Anne Marie Degabriele fit-tezi taghha intitolata 'The Presidential Pardon'[7]:

*"The prerogative of mercy may turn into something prejudicial and partial, foregoing any transparency and all-inclusiveness. The executive of the State is allowed to play the judiciary card, interfere in courts' decisions and arrange judgments that were correct in the first place.*

...

*... this situation is far from ideal: the system is not based on what is fair, but who has the power to pardon, and may often turn into a political affair. The executive arm of the state, that is, ministers, are very often elected by the people, and it is they who decide upon the pardon. No reasons are given too. One would expect that politics plays an important role in this scenario."*

Gialadarba fil-kaz odjern, l-ezekuttiv, illi jirrizulta illi ghandu kull interess f'dan l-assassinju tant hu hekk illi membri tal-istess ezekuttiv ghadhom qeghdin jigu investigati dwaru, qieghed jezercita funzjonijiet gudikattivi u jiddeciedi min ghandu jinghata l-mahfra u konsegwentament jixhed kontra ohrajn, bhalma huma r-rikorrenti, u min le, kif qatt jista' jinghad illi r-rikorrenti qed ikollhom smiegh xieraq.

[7] 13LAWP001.pdf (um.edu.mt)

Fid-dawl tas-su espost, huwa palesi li ssir referenza ghall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi jissalvagwardja illi l-gustizzja mhux biss issir b'mod xieraq izda jirrekjedi illi l-gustizzja tidher li qieghda ssir u dan a bazi tal-massima legali emergenti mill-House of Lords *"justice must not only be done; it must be seen to be done."*

Illi minkejja li huwa manifestament car li diversi membri tal-kabinett kellhom/ghandhom interess dirett dwar jekk tinghatax mahfra presidenzjali u min kellu jinghata tali mahfra, kif jemergi mill-proklama ta' Vincent Muscat, kien il-Kabinett illi rrakomanda li tinghata mahfra presidenzjali u li din il-mahfra tinghata lil Vincent Muscat.

Ir-rikorrenti jsostnu li tali partecipazzjoni u involviment fl-assassinju tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia u/jew fit-tfixkil sabiex issir gustizzja ghall-istess omicidju min-naha tal-ezekuttiv, twassal biex jemergu dubji serji fuq l-indipendenza u imparzjalita fuq l-operat tal-istess Kabinett, li timmina d-drittijiet fundamentali allegati mir-rikorrenti

L-awturi Harris, O'Boyle u Warbick fl-istudju taghhom intitolat "Law of the European Convention on Human Rights" senjatament f'pagna 291 tal-istess studju jsostnu:

*"The objective test of `impartiality` is comparable to the English Law doctrine that `justice must not only be done : it must also be seen to be done`. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of `appearances`. As the Court has stated, `[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public ...` In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is `important but not decisive`; what is crucial is whether the doubt as to the impartiality can be `objectively justified`. [Sramek v Austria (1984) para. 42 ; 7 EHRR 351 ; Fey v Austria A 255-A (1993) ; 6 EHRR 387 para. 30]*

L-imparzjalita` skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni inghatat tifsira fis-sens ta` nuqqas ta` pregudizzju jew bias :-

*In this respect even appearances may be of some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified." (ara : Lindon Otchakovskylaurens and July v France deciza fit-22 ta` Ottubru 2007 mill-ECHR ; u Piersack v. Belgium : ECHR : 1 ta` Gunju 1982).*

Issir referenza ukoll ghal dak li ghallem Lord Denning fid-decizjoni fil-kawza **'Metropolitan Properties Co. vs. Lannon' (1968) [3 All ER 304] :-**

*"In considering whether there is a real likelihood of bias, the court does not look at the mind of the justice himself or at the mind of the Chairman of the tribunal or whoever it might be, who sits in a judicial position. It does not look to see if there was real likelihood that he would, or did, in fact favour one side at the expense of the other. The court looks at the impression which would be given to other people. Even if he was impartial as could be, nevertheless if right-minded persons would think that, in the circumstances, there was a real likelihood of bias on his part, then he should not sit."*

F'dan ir-rigward referenza qieghda ssir ukoll ghal sentenza deciza nhar il-15 ta' Dicembru, 2005 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Kyprianou v. Cyprus'**[8] fejn gie ritenut illi:

*'The Court reiterates at the outset that it is of fundamental importance in a democratic society that the courts inspire confidence in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused (see Padovani v. Italy, judgment of 26 February 1993, Series A no. 257-B, p. 20, § 27). To that end Article 6 requires a tribunal falling within its scope to be impartial. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. The Court has*

[8] Numru tal-Applikazzjoni: 73797/01

*thus distinguished between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction or interest of a given judge in a particular case, and an objective approach, that is determining whether he or she offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see Piersack v. Belgium, judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, pp. 14-15, § 30, and Grieves v. the United Kingdom [GC], no. 57067/00, § 69, 16 December 2003). As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance (see Castillo Algar v. Spain, judgment of 28 October 1998, Reports 1998-VIII, p. 3116, § 45, and Morel v. France, no. 34130/96, § 42, ECHR 2000-VI). When it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified (see Ferrantelli and Santangelo v. Italy, judgment of 7 August 1996, Reports 1996-III, pp. 951-52, § 58, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 44, ECHR 2000-XII).'*

Dak illi qeghdin isostnu l-esponenti, ossia l-fatt illi l-Ezekuttiv, minkejja illi kellu funzjonijiet gudizzjarji, ma agixxiex b'mod imparzjali u indipendenti skont id-dettami tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, mhuwiex xi kuncett gdid. Fil-fatt f'dan ir-rigward, referenza qieghda ssir ghal sentenza ohra tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din id-darba fil-konfront ta' pajjizna stess, fil-kaz **'Demicoli v. Malta'** deciz nhar is-27 ta' Awwissu, 1991 fejn gie konkluz illi:

*"40. In the circumstances of the present case the House of Representatives undoubtedly exercised a judicial function in determining the applicant's guilt. The central issue raised in this case is whether the requirement of impartiality was duly respected. For the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) this must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction or interest of a particular judge in a given case, and*

*according to an objective test, namely ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect. In this context even appearances may be of a certain importance, particularly as far as criminal proceedings are concerned (see, amongst other authorities, the Hauschildt judgment of 24 May 1989, Series A no. 154, p. 21, paras. 46-48).*

*41. The two Members of the House whose behaviour in Parliament was criticised in the impugned article and who raised the breach of privilege in the House (see paragraph 11 above) participated throughout in the proceedings against the accused, including the finding of guilt and (except for one of them who had meanwhile died) the sentencing.*

*Already for this reason, the impartiality of the adjudicating body in these proceedings would appear to be open to doubt and the applicant's fears in this connection were justified (see the above-mentioned Hauschildt judgment, Series A no. 154, p. 23, para. 52).*

*42. Accordingly, there has been a breach of Article 6 para. 1 (art. 6-1) of the Convention on the point considered. It is therefore not necessary to go into other aspects of this provision."*

Dwar dan l-allegat nuqqas ta' imaprzjalita', l-esponenti jaghmlu referenza ghal sentenza deciza nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **'Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia vs Kummirrsarju tal-Pulizija, Avukat Generali u Id-Deputat Kummissarju Silvio Valleta'** fejn gis sotnut illi:

*"51. Rigward din il-parti tal-investigazzjoni li ghadha pendenti, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti u mar-rikorrenti li, ir-rwol tad-Deputat Kummissarju bhala membru fl-F.I.A.U li qed jigi allegat li naqset li tibda tinvestiga rapport li wasal ghandha u li fih allegatament jissemmew nies f'karigi gholija fil-gvern, inkluz dik ministerjali rigwardanti allegat hasil ta' flus, maghdud mal-fatt li l-mara tal-istess Deputat Kummissarju ghandha kariga ministerjali u allura jista' jghati l-kaz li l-investigazzjoni tehtieg li testendi ghal uhud minn dawn il-persuni, dawn l-allegazzjonijiet jimminaw serjament l-element tal-*

*imparzjalita` oggettiva da parti tal-istess Deputat Kummissarju minhabba konflitt ta' interess bejnu u bejn ir-rwol tieghu bhala l-persuna lil qed imexxi b'mod attiv l-investigazzjonijiet tal-pulizija fir-rigward.*

*52. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tosserva li bil-prezenza tad-Deputat Kummissarju fl-investigazzjoni sabiex jigi identifikat il-mandant jew mandanti tal-assassinju, il-fatturi fuq indikati jistghu ragjonevolment f'mohh ic-cittadin jaghtu lok ghal dubju serju dwar jekk l-investigazzjoni saritx b'mod imparzjali u b'mod shih."*

Ghaldaqstant fid-dawl tas-su espost kollu, senjatament fid-dawl tal-fatt illi l-Istat, b'mod partikulari l-Gvern, intalab jerfa' r-responsabilita tieghu ghall-assassinju tal-gunalista Daphne Caruana Galizia, kif ukoll in vista tal-fatt illi diversi esponenti fi hdan l-istess Kabinett kienu u/jew ghadhom qeghdin jigu investigati dwar dan l-assassinju, imbaghad l-istess Kabinett, ghal ragunijiet illi jafhom il-Kabinett biss, ghazel illi jaghti proklama u li din tinghata lil Vincent Muscat, l-esponenti jtennu illi b'dan l-agir qeghdin jigu lezi id-drittijiet fundamentali taghhom hekk kif salvagwardjati bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**II.Dwar il-Partecipazzjoni tal-Avukat Generali fil-patteggjament milhuq mal-hati Vincent Muscat**

Primarjament, sabiex dina l-Onorabbli Qorti tifhem il-kuntest u l-qafas legali illi qieghed jigi mfassal fih dan il-punt, referenza qieghda ssir ghall-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali:

*"453A 1) Qabel ma l-imputat iwieġeb dwar il-każ b'modġenerali kif hemm provdut fl-artikolu 453, l-imputat u l-AvukatĠenerali jistgħu jitolbu lill-qorti, fil-każ li jkun hemm ammissjonita' ħtija, li tapplika sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputatikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reatili jiġi akkużat bihom."*

Stabbilita din id-dispozizzjoni legali, referenza sejra ssir ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat'** deciza nhar it-23 ta' Frar, 2021:

"Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat Vincent Muscat fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, umilment talbu lil din l-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Vincent Muscat għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għall-perjodu ta' hmistax-il sena (15) flimkien ma' terz ta'l-ispejjez peritali nkorsi f'dawn il-proċeduri u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom il-konfiska tassattiva favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat li ġie mir-reati, ai termini tal-artikolu 23B tal-istess Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta."

Jirrizulta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-Avukat Generali ftiehem mal-istess Vincent Muscat sabiex fl-eventwalita' li jinstab hati ghall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, minflok jigi ssentenzjat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru flimkien mal-piena tar-rekluzjoni ghal mhux iktar minn tnax-il perjodu, kif fl-ahhar mill-ahhar talab l-istess Avukat Generali permezz tal-Att ta' Akkuza mahruga fil-konfront ta' Vincent Muscat, jigi minflok ssentenzjat ghal hmistax-il sena prigunerija.

B'kull dovut rispett imma, fl-umli fehma tal-esponenti, anke din id-decizjoni min-naha tal-Avukat Generali tidher illi la hija wahda imparzjali u wisq anqas indipendenti.

Il-fatt illi l-ufficcju tal-Avukat Generali kien mahkum mill-ezekuttiv tal-istat, mhumiex jghiduh l-esponenti izda sostnieh ukoll il-Bord illi mexxa l-inkjesta pubblika fir-rigward tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Fil-fatt a fol. 297 u 298 tar-rapport tal-inkjesta pubblika, l-istess bord jikkritika b'mod ahrax mhux biss l-ufficcju tal-Avukat Generali izda jikkritika wkoll l-agir tal-Avukat Generali attwali Dr Victoria Buttigieg, L-istess Bord jaccenna illi:

"Dan l-atteġġjament tal-ufficcju tal-Avukat Generali li jkun aktar minn kawt f'materji tant sensittivi li jolqtu l-involviment ta' ufficjali pubblici gholja anke fejn si tratta ta' progetti kbar flimkien ma' interessi privati, huwa rifless fil-parir li tat Dr. Victoria Buttiġieġ deputat Avukat Generali fir-rigward tal-progett Electrogas. Jidher li Dr. Buttiġieġ kienet involuta f'diskussjoni mal-Avukati ta' Electrogas dwar Security of Supply Agreement li kellu jiggarantixxi self kbir ghal Electrogas. Rizultat ta' dawn l-iskambji l-Avukat Buttiġieġ tat parir fis-sens li ma kienx ikun hemm il-htieġa li l-Kabinett jew il-Parlament Malti japprovaw il-progett tal-Electrogas jekk ikun hemm il-firma tal-Ministru responsabbli. **<u>Parir tal-Avukat Generali biex tinsab soluzzjoni ghall-problema, tkun xi tkun, b'mod to bypass Parliament and Cabinet jistona u ma jaghtix affidament li dak l-ufficcju kien qieghed qabel xejn jagixxi fl-interess tal-IStat u mhux tal-Gvern tal-ġurnata.</u>** (enfasi tar-rikorrenti)

B'kull dovut rispett imma bhalma kien jistona l-atteggjament ta' Dr Victoria Buttigieg dak iz-zmien, daqstant iehor jistona dan il-patteggjament li Dr Victoria Buttigieg, bhala Avukat Generali, ghamlet mas-serial killer Muscat.

Ir-rikorrenti jistaqsu: Kif jista' dan l-atteggjament ma jidhirx bhala wiehed korrot meta l-Avukat Generali filli talab illi Vincent Muscat imur ghal ghomru l-habs u filli, ghall-istess akkuzi, talab illi minflok imur hmistax -il sena? Kif jista' dan l-atteggjament ma joghroklokx ghajnejk meta b'kumbinazzjoni dan il-ftehim gie maqbul fl-istess zmien illi l-Ezekuttiv ghogbu jaghti l-mahfra presidenzjali lil Vincent Muscat?

Ir-ross kulhadd minn halqu jieklu u r-raguni ma tridx forza!

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-fatti sfaccati, tenut kont tal-gurisprudenza kwotata fil-punt precedenti, in vista li anke din id-decizjoni min-naha tal-Avukat Generali kellha impatt konsiderevoli fil-process gudizzjarju u s-smigh illi qeghdin jircieivu r-rikorrenti, l-esponenti jemmnu illi tali decizjoni ghandha tigi impunjata u ma jkollha l-ebda konsegwenza fuq il-process gudizzjarju taghhom. Altrimenti jsostnu illi sejrin jigu lezi d-drittijiet fundamentali taghhom.

**III.Dwar l-Abbuz tal-Prosekuzzjoni b'detriment ghad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Adrian Agius**

Kif gia nghad aktar 'il fuq l-esponenti Adrian Agius qieghed jigi akkuzat bl-omicidju ta' Carmel Chircop fil-waqt li r-rikorrenti Robert Agius u Jamie Vella qeghdin jigu inter alia akkuzati kemm bl-omicidju ta' Carmel Chircop kif ukoll bl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia.

Dan qieghed jinghad ghaliex kienet il-Prosekuzzjoni illi b'ghazla unilaterali taghha ghazlet, ghal ragunijeit illi tafhom hi biss, illi titratta zewg omicidji kompletament distinti u separati minn xulxin bi procedura wahda.

Attwalment tali proceduri ghadhom fi stadju ta' kumpilazzjoni fejn il-Prosekuzzjoni ghadha qieghda tressaq 'il quddiem il-provi taghha.

Dan ifisser illi gialadarba il-Prosekuzzjoni ghogobha illi titratta zewg omicidji flimkien, ghalkemm Adrian Agius fl-ebda stadju ma gie allegat u/jew akkuzat illi b'xi mod jew iehor kellu xi forma ta' partecipazzjoni fl-omicidju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia, huwa qed ikollu jisma' ghal sieghat shah evidenza marbuta ma' dan l-istess omicidju, liema evidenza ma ghandha l-ebda relevanza ghall-akkuzi illi huwa qieghed jaffacja.

Illi ghandu jigi rrimarkat illi f'din il-kumpilazzjoni diga nstemghu aktar minn mitt xhud u kienu biss terz minn tali xhieda illi b'xi mod jew iehor xehdu dwar fatti relevanti u marbuta mal-akkuzi illi qieghed jaffacja r-rikorrenti Adrian Agius.

L-esponenti bir-rispett jissottomettu illi ghalkemm il-Kodici Kriminali jaghti s-setgha lill-Prosekuzzjoni illi tiddeciedi hi dwar kif ghandhom jitressqu suspettati l-qorti u b'liema akkuzi ghandhom jigu mixlija madanakollu kif tghallimna l-gurisprudenza stess, tali decizjoni u mekkanizmu jibqa' dejjem soggett ghal skrutinju taht il-lenti tad-drittijiet fundamentali. Huwa appuntu f'dan il-qafas kostituzzjonali illi l-esponenti Adrian Agius qieghed iqajjem din il-lanjanza.

Kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mhux biss jissalvagwardja illi kull imputat ikollu smiegh xieraq izda jissalvagwardja wkoll li s-smiegh ikun wiehed efficjenti, adekwat u minghajr pregudizzju ghall-imputat.

In vista tal-fatt illi r-rikorrenti Adrian Agius, frott decizjoni unilaterali tal-prosekuzzjoni, qed ikollu jisma' diversi xhieda u provi illi bl-ebda mod u manjiera ma huma relatati mieghu qeghdin joholqu pregudizzju ghall-esponenti u fl-umli fehma tar-rikorrenti, dan qieghed jiksirlu d-dritt tieghu illi jkollu smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Fid-dawl tas-su espost jigi enfassizat li ghal problemi rizultanti mill-inadekwatezza u l-kumplessita' tal-istrutturi li tfasslu sabbiex tithaddem il-magna tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, m'ghandux ibati l-imputat, u dan in linea ma dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet: **Central Mediterrranean Development Corporation Limited vs. Avukat Ġenerali**, deciza fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), fejn saret referenza ghall-kawzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem: **Vacaturo vs Italy** deciza fl-24 ta' Mejju tas-sena 1991 u **G.H. vs Austria** deciza fit-3 ta' Ottubru ta-sena 2000, fejn hemmhekk gie ritenut:

*"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligation within a reasonable time."*

In sostenn ta' dan il-punt, qieghda ssir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet: **Anton Camilleri vs Avukat Generali,** deciza nhar l-1 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti sostniet:

*"Din il-Qorti, bhal-ewwel Qorti, hi tal-fehma li r-rikorrent m'ghandux jitghabba* ***b'nuqqasijiet procedurali li hu ma kellux htija ghalihom****…*

*In kwantu d-dmir ewlieni li l-kawzi jitmexxew* ***b'heffa u efficjenza****, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet u/jew tal-esperti teknici, dan jaqa' fuq il-Qorti u, ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorita` pubblika li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-qrati jkunu jistghu jwettqu dan id-dmir taghhom, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Generali illi l-iStat ghandu jkun ezonerat minn responsabbilita' ghal dewmien ta' tant snin biex tinqata' kawza ta' komplessita` mhux aktar mill-medja."*

Ir-rikorrenti Adrian Agius jistaqsi:

1. Kif jista' qatt jinghad illi qieghed ikollu smiegh xieraq u ragjonevoli meta huwa qed ikollu jisma' sieghat shah ta' evidenza li ma tikkoncernax lilu?

2. Kif jista' qatt jinghad illi l-kawza qieghda titmexxa b'efficjenza meta l-Prosekuzzjoni ghazlet illi tixli lir-rikorrenti flimkien mar-rikorrenti Robert Agius u Jamie Vella illi qeghdin jigu akkuzati wkoll bl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia?

3. Kif jista' qatt jinghad illi d-drittijiet fundamentali tieghu qeghdin jigu protetti meta huwa qed ikollu jbati dewmien minghajr ebda raguni valida izda frott nuqqas procedurali?

4. Kif jista' qatt jinghad illi r-rikorrenti Adrian Agius mhux qieghed jigi ppregudikat frott din id-decizjoni tal-Prosekuzzjoni meta l-istess rikorrenti Adrian Agius ghadu qieghed jinzamm that arrest preventive gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin?

Dan kollu ghandu jinqara fid-dawl ta' dak deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **<u>"Joseph John Gatt vs Ir-Registratur tal-Qrati et."</u>**[9] fejn gie deciz li:

*"Illi d-dritt ghal smiegh xieraq, m'huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat ragonevolment bil-procedura li tkun fis-sehh minn zmien ghal zmien. Imma dan igib mieghu wkoll li jekk il- procedura tistabilixxi regoli biex bihom jithaddem is-smigh kif imiss tal-kawzi, in-nuqqas ta' tharis tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti ghandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, igib mieghu censura u jaghti lok ghal rimedju, izjed u izjed jekk ghan-nuqqas ta' tharis imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew htija.*

*Illi b'danakollu, jekk minhabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex tithaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jbati bla htija c-cittadin, l-Istat irid jaghmel tajjeb ghal tali tbatija."*

Ghandu jigi mfakkar ukoll dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet **<u>'Salesi vs Italy'</u>** fejn il-Qorti, dwar l-implikazzjonijiet u l-implementazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rriteniet illi:

*"...it must not be forgotten that Article 6 para. 1 (art. 6-1) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that their courts can meet each of its requirements."*

*In oltre,* f'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **<u>'Lupeni Greek Catholic Parish and Others vs Romania'[10]</u>** deciza nhar id-29 ta' Novembru, 2016 ikkonkludiet illi:

*"142.* ***<u>It is for the Contracting States to organise their judicial systems in such a way that their courts are able to guarantee the right of everyone to</u>***

[9] Deciza nhar id-29 ta' Lulju, 2010 per Onor. Imhallef J. R. Micallef
[10] Application no. 76943/11

***<u>obtain a final decision on disputes concerning civil rights and obligations within a reasonable time</u>*** *(see Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], no. 35382/97, § 24, ECHR 2000-IV, and Vassilios Athanasiou and Others v. Greece, no. 50973/08, § 26, 21 December 2010).*

*143. The reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and having regard to the criteria laid down in the Court's case-law, in particular the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute (see Sürmeli v. Germany [GC], no. 75529/01, § 128, ECHR 2006-VII).*

*150. Albeit the case in itself was not a particularly complex one, the lack of clarity and foreseeability in the domestic law rendered its examination difficult (see paragraph 121 above); those shortcomings are entirely imputable to the national authorities and, in the Court's opinion, contributed decisively to extending the length of the proceedings.*

*151. Having regard to all the elements submitted to it, the Court concludes that the applicants' case was not heard within a reasonable time.*

*152. There has therefore been a violation of Article 6 § 1 of the Convention on account of the length of the proceedings."*

Bir-rispett kollu pero fl-umli fehma tal-esponenti, il-fatt illi r-rikorrenti Adrian Agius qed ikollu jissottometti ruhu ghal sieghat shah ta' xhieda li ma tikkoncernax lilu u ma ghandha l-ebda relevanza ghall-akkuzzi illi huwa qieghed jaffaccja ma jista' qatt jitqies illi s-smiegh illi huwa qieghed jircievi huwa wiehed effikaci u in linea mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Fid-dawl tas-su espost l-esponenti umilment jishqu li huwa ampjament car li gew u/jew qeghdin jigu lezi l-imsemmija drittijiet fondamentali tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-agir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; u

2. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bhala rilevanti; u

3. Tordna illi d-decizjonijiet kollha illi jikkawzaw tali ksur, ma jkollhom l-ebda impatt fuq is-smigh gudizzjarju taghhom;

4. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa skond il-ligi u cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-**Risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali** ippreżentata fl-24 ta' Novembru, 2021 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi in suċċint, ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li l-għoti tal-proklama u l-patteġjament li saru fil-konfront ta' Vincent Muscat u n-nuqqas tas-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront tar-rikorrenti kkawżaw u/jew qedgħin jikkawżaw ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq, b'leżjoni ta' *l*-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Illi in linea preliminari, l-intimati formalment jeċċepixxu illi l-ogħti tal-maħfra Presidenzjali hija prerogattiva tal-Eċċellenza tiegħu, l-President ta' Malta, u l-mekkaniżmu ta' kif tingħata proklama huwa sanċit fl-ogħla liġi tal-pajjiż, fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Eċċellenza tiegħu, l-President ta' Malta aġixxa a tenur tal-artikolu 93 (1) u l-artikolu 85 (1) tal-Kostituzzjoni. A tenur

tal-artikolu 85 (2) tal-istess Kostituzzjoni, kwistjonijiet dwar l-għoti ta' pariri jew aġir skont tali pariri da parti tal-President ta' Malta, ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ebda qorti;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti u l-pretensjonijiet marbutin magħhom, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi jingħad li l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li '*kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm -il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*'. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrenti, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

5. Illi f'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri kollha qedgħin jinżammu u qegħdin jiġu determinati minn qorti indipendenti u mparzjali; (b) ir-rikorrenti għandhom aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-presenza tar-rikorrenti; (d) il-partijiet kollha qedgħin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrenti qegħdin jingħataw l-opportunit*à kollha biex j*iddefendu l-każ tagħhom mingħajr xkiel; (f) r-rikorrenti huma megħjuna minn avukati tal-fiduċja tagħhom tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrenti qegħdin jingħataw iż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tagħhom;

6. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-ogħla funzjonarji tal-Istat kif ukoll tal-intimati ċertament ma kienx u ma huwiex abbużiv jew jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-

esponenti dejjem aġixxew korrettament skond il-Liġi u fil-parametri mposti mill-Liġi u jiċħdu bl-aktar mod kategoriku li b'xi mod ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrenti;

7. Illi subordinatament, u wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-prerogattiva tal-maħfra hija fdata f'idejn l-Eċċellenza tiegħu, l-President ta' Malta skont l-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tipprovdi dawk l-istanzi fejn huwa permissibli li tali maħfra tingħata. Illi fost dawn l-istanzi nsibu fil-paragrafu (a) tas-subinċiż (1) tal-istess artikolu li maħfra tista' tingħata lil xi persuna li jkollha x'taqsam f'reat liema maħfra tista' tkun suġġetta għal kondizzjonijiet skond il-liġi. Illi ċertament li dana l-artikolu ma jagħti l-ebda dritt lill-ebda persuna li tkun imsemmija fl-involviment jew fil-kummissjoni ta' reat biex tagħti l-verżjoni tagħha quddiem il-Kabinett u/jew l-Eċċellenza Tiegħu, l-President ta' Malta. Id-dritt tas-smigħ xieraq jsib applikazzjoni meta investigazzjoni kriminali tkun waslet fil-punt meta s-suspettat ikun tressaq quddiem awtorità ġudizzjarja biex iwieġeb għar-reati addebitati lilu –

*'Article 6 thus only begins to apply when a criminal investigation has reached the point where the applicant has been 'charged' with a criminal offence'*[11].

8. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu wkoll illi s-setgħa mogħtija permezz tal-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni mhix sinonima mal-funzjoni ta' ġudikant. Il-fatt li dan l-artikolu jagħti l-possibilità li tingħata maħfra Presidenzjali lil xi persuna nvoluta fil-kummissjoni ta' reat ma jfissirx li b'xi mod li bit-tħaddim ta' tali artikolu, jiġi applikat u/jew determinat xi dritt ċivili jew xi akkuża kriminali. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'diversi okkażjonijiet ippronunzjat ruħha dwar it-tifsira ta' qorti indipendenti u mparzjali, u meta dawk il-prinċipji jiġu applikati għall-kwistjoni odjerna huwa bil-wisq evidenti li dina s-setgħa li

[11] D.J. Harris, M. O'Boyle, Warbrick, 'Law of the European Convention on Human Rights', 2009, Oxford University Press, paġna 204.

minnha qedgħin jilmentaw ir-rikorrenti ma hijiex in vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

9. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu wkoll, illi l-patteġġjament ta' Vincent Muscat seħħ a tenur tal-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali. Illi f'kull Kap ta' l-Att tal-Akkuża 07/2019, il-prosekutur kellu d-dover isemmi l-minimu (fejn japplika) u l-massimu tal-piena li kull reat iġorr miegħu. Ir-rikors konġunt tal-prosekuzzjoni u tad-difiża li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti Kriminali juri il-qbil tal-partijiet dwar il-pieni, s-sanzjonijiet u l-miżuri li għandhom jiġu applikati meta tiġi rreġistrata ammissjoni ta' ħtija mill-akkużat. Il-Qorti Kriminali hekk kif preseduta mill-Onor. Imħallef Edwina Grima kellha l-jedd tiċħad il-ftehim a tenur tal-Artikolu 453A (2), jekk il-Qorti kien jidrilha li l-propost*a kienet irraġonevoli jew barra l-parametri tal-liġi.* Fil-każ imsemmi, l-Qorti li hija indipendenti u mparzjali, qablet mal-ftehim milħuq mill-partijiet u tat is-sentenza nhar it-23 ta' Frar 2021 a tenur tal-liġi. Għalhekk jidher ċar, li r-rikorrenti qedgħin jintilfu f'allegazzjonijiet bla bażi u joħolqu konġetturi meta qegħdin jattakaw lill-esponent Avukat Ġenerali b'irregolarit*à*;

10. Illi s-sistema tal-patteġġjamenti ġiet introdotta fl-2002 fis-sistema tad-dritt penali nostran. L-iskop tal-leġislatur jinkludi li persuna akkużata tkun tista' tammetti l-akkużi miġjuba kontriha, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li ddum tistenna sabiex isir il-ġuri jew xi proċess ieħor, filwaqt li s-soċjet*à wkoll tiffranka l-piżijiet u l-ispejjeż involuti f'tali proċess;*

Sistemi ta' patteġġjamenti, wkoll jekk ma jissejjħux hekk, illum jeżistu f'ħafna ġurisdizzjonijiet u huma meqjusa bħala għodda mportanti fit-tħaddim effettiv u effiċjenti tad-dritt penali;

Madanakollu dan ma jfissirx li akkużat u prosekutur huma b'xi mod obbligati li jippatteġġjaw jew, fil-każ ta' Malta li l-Qorti Kriminali hija obbligata li taċċetta u tapprova tali patteġġjament. Fl-ebda artikolu fil-Kodiċi Kriminali ma huwa kkontemplat li l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma obbligati

jaċċettaw xi ammissjoni jekk jkunux konvinti minnha, u f'dan il-każ fl-ebda waqt il-Qorti Kriminali ma kienet obbligata taċċetta l-patteġjament propost. Il-Qorti Kriminali żammet u kellha kontroll sħiħ tal-proċeduri u ma kienet sfurzata minn ħadd, biex taċċetta l-ammissjoni ta' Vincent Muscat u l-patteġjament riżultanti;

Meta jsiru xi trattattivi bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża dwar patteġjamenti, dan bl-ebda mod ma jfisser li xi ftehim riżultanti jikkostitwixxi ġudizzju definittiv. Hija biss il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali li trid tara jekk f'każ t'ammissjoni patteġjament huwiex aċċettabbli u ġust. Il-Qorti munita b'ġurisdizzjoni kriminali tiddetermina l-ħtija *o meno* ta' persuna akkużata quddiemha, u f'każ ta' ħtija tiddeċiedi l-piena – u mhux l-Avukat Ġenerali;

11. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu wkoll illi l-artikolu 591 tal-Kap 9 jistipola illi akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att t'akkuża wieħed u ġġudikati kollha fl-istess kawża. Illi fil-kumpilazzjoni numru 110/2021 bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Agius Adrian, Agius Robert, Vella Jamie, u Degiorgio George*** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, r-rikorrenti Adrian Agius u Jamie Vella flimkien ma' George Degiorgio qedgħin jiġu akkużati bl-omiċidju ta' l-avukat Carmel Chircop metri r-rikorrenti Jamie Vella u Robert Agius qedgħin jiġu mixlija b'konnessjoni mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. M'hemm xejn fil-liġi kriminali li jipprekludi l-Avukat Ġenerali milli jistitwixxi prosekuzzjoni waħda kontra numru ta' ndividwi li huma mixlija b'reati diversi;

12. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, a tenur ta' l-artikolu 594 tal-Kap 9, l-Avukat Ġenerali għandu l-jedd jiddeċiedi jitlobx is-separazzjoni tal-kawżi, jew le. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 t'Ottubru 2019 , fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelo Bilocca u Priscilla Cassar*** –

*'Illi jibda' biex jingħad illi l-istitut tas-separazzjoni tal-ġudizzju huwa prerogattiva tal-Avukat Ġenerali u ċioe hija f'idejh id-deċiżjoni jekk iressaqx żewġ ko-akkużati sabiex jiġu ġġudikati flimkien jew separatament. L-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa jitlob is-separazzjoni tal-ġudizzju, fejn imbagħad tkun fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċiedi jekk għandhiex tilqa' din it-talba o meno, fl-aħjar interess għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Fid-deċiżjoni li tat il-Qorti Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1946, fil-każ Il-Maesta Tiegħu r-Re vs Joseph Vella et, kien imfisser ir-ratio legis b'mod dettaljat wara dan l-istitut :-*

*Illi fi stadju meta kien għadu mhux preżentat l-att ta' akkuża, l-Attorney General kien fil-libertà nsidikabbli illi jew jagħmel l-atti ta' l-akkuża separati jew jagħmel att t'akkuża wieħed..'.*

F'dan il-kuntest ukoll issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2014 , fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs. L-Avukat Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali* –**

*'Il-prosekuzzjoni għandha d-dmirijiet tagħha, u fuq quddiem nett hemm dak li tmexxi l-proċess b'mod li l-aktar iwassal biex tinkixef il-verità, sew jekk favur u sew jekk kontra l-akkużat. Fost l-għodod li għandha biex tagħmel hekk hemm dak li tagħżel jekk il-proċessi jimxux flimkien jew kull wieħed għal rasu. ...meta l-prosekuzzjoni tagħmel dik l-għażla tkun qedgħa tinqeda' b'setgħa mogħtija lilha mil-liġi u, sakemm ma jintweriex illi sar użu minn din is-setgħa minħabba konsiderazzjonijiet li ma humiex relevanti, jew b'xi mod ieħor li ma hux raġonevoli,* ***ma jistgħax jingħad illi saret diskriminazzjoni bi ksur tal-jeddijiet fondamentali***"[12].

Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat illi r-rikorrenti jinsabu akkużati wkoll talli ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali kif ukoll illi ipparteċipaw b'mod attiv fl-

[12] Sottolinejar tal-esponenti għall-finijiet ta' emfażi.

attivitajiet kriminali tal-għaqda. Dawn *essendo* reati li għandhom dimensjoni kollettiva;

13. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu wkoll illi l-proċeduri kriminali nbdew din is-sena fl-2021, u sallum tressqu mal-120 xhud sabiex jiddeponu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Illi bir-rispett kollu, r-rikorrenti ma jistawx jilmentaw b'mod kreddibli minn dewmien meta l-proċeduri inizjati riċentament qegħdin jitmexxew b'pass tant imgħaġġel mill-abbli prosekuzzjoni. Huwa bil-wisq evidenti li r-ritmu li bih qed titmexxa l-kawża msemmija u li minnha qegħdin jilmentaw ir-rikorrenti ma huwiex leżiv tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat ir-**Risposta ta' Mary Rose Chircop u l-Avukat Dottor Kendrick Chircop** ippreżentata fil-21 ta' Diċembru, 2021 fejn jingħad kif ġej:

1. Ir-rikorrenti jallegaw diversi affarijiet fir-rikors promotur tagħhom fosthom is-segwenti:

A. Illi l-għoti tal-proklama lil Vincent Muscat sabiex jagħti fost affarijiet oħra informazzjoni attendibbli, kredibbli u veritjiera, dwar l-omiċidju tal-Avukat Dottor Carmel Chircop jilledi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta). Isostnu li meta l-Kabinett tal-Ministri rrakkomanda lill-Eċċellenza Tiegħu l-President

tar-Repubblika ta' Malta sabiex tingħata l-proklama lil Vincent Muscat, l-istess eżekuttiv indaħal f'dak li huwa kompitu tal-qrati u konsegwentement meta ġiet rakkomandata u ingħatat tali proklama kien "*hemm l-abbuż, xejn inqas u xejn aktar*". Bid-dovut rispett, l-intervenuti ma jaqblux ma din is-sottomissjoni tar-rikorrenti. L-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta mexa mad-dettami tal-liġi hekk kif kontemplata fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Mir-rikors promotur ma hemm xejn x'jindika li l-Eċċellenza Tiegħu ma mexxiex mal-proċedura eżistenti f'dan il-każ.

B. Illi huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-għoti tal-maħfra qabel ma jkunu inbdew proċeduri ta' natura penali u maħfra li tingħata waqt il-perkors ta' proċeduri penali u/jew wara li jkunu ntemmu tali proċeduri. F'dan il-każ, ma kien hemm l-ebda proċeduri penali meta ingħatat il-maħfra. Imbagħad bis-saħħa ta' tali maħfra, inbdew proċeduri penali kontra r-rikorrenti. Illi l-maħfra hija għodda li l-Istat għandu biex tkun tista tiġi miġġielda u melgħuba l-kriminalita. F'dan il-każ, li jkun qiegħed jagħmel l-Istat huwa li jagħti l-għodda lill-Pulizija/Prosekuzzjoni sabiex fejn ma kienx hemm provi diretti, issa jkun hemm. Pero xorta waħda provi jibqgħu. Il-ġudizzju finali fuq tali provi li jkun ta' l-Istat lill-prosekuzzjoni sabiex tipprova l-każ tagħha huwa tal-Qrati u ta' ħadd iżjed. Dan ifisser li x-xhieda ta' Vincent Muscat hija soggetta għal iskrutinju tal-Qrati u tal-partijiet fil-proċeduri penali. Fil-fatt, Vincent Muscat ġie obbligat li jixhed f'kull proċedura quddiem kull Qorti kemm jekk ta' ġurisdizzjoni Kriminali, kif ukoll jekk ta' ġurisdizzjoni Ċivili jew Kostituzzjonali. Dan ifisser li r-regoli tax-xhieda japplikaw għalih u japplikaw ukoll għall-partijiet fil-kawża. Huwa soġġett għal-kontro-eżami. Fil-proklama ma hemm xejn li tgħid li din ix-xhieda ta' Vincent Muscat, per eżempju, ma hija soggetta għal ebda reviżjoni jew skrutinju. Hemm pero, kif diġa ngħad, l-obbligu, fost obbligi oħra, li huwa jrid jixhed, u ma hemm xejn fil-proklama tiegħu, li ingħatat limitatament fil-konfront tal-omiċidju tal-Avukat Dottor Carmel Chircop. Li jfisser li min hu tenut li jiġġudika jista ukoll jiġġudika tali xhieda fid-dawl tal-fatti kollha kif stabbiliti.

C. Mela f'dan il-każ mhux minnu li tali maħfra illediet id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq. L-Eżekuttiv ma kellhu l-ebda

obbligu li jisma l-veduti tar-rikorrenti. L-uniku obbligu tal-Eżekuttiv kien li juża l-għodda li għandu a disposizzjoni tiegħu, għodda mogħtija mill-Kostituzzjoni, biex jara li l-prosekuzzjoni jkollha l-aħjar provi biex tmexxi każ quddiem il-Qrati. Pero bl-ebda mod ma indaħħal fid-deċiżjoni dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti. Id-deċiżjoni dwar l-attendibilita tax-xhieda o meno, anke ta' dak li ingħata l-proklama, hija f'data f'idejn min għandu jiġġudika. L-Eżekuttiv ma indaħħalx f'dan l-aspett.

D. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-intervenuti jtennu ukoll li r-rikorrenti ma għandhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jressqu dan l-ilment tagħhom fil-konfront tal-maħfra li ingħatat lil Vincent Muscat. Jekk jiġri dak prospettat mir-rikorrenti jkun ifisse rli huma jkunu qegħdin jiddettaw liema provi tista u għandra tressaq il-prosekuzzjoni fil-proċeduri penali pendenti kontrihom. Il-prosekuzzjoni għandha tressaq l-aħjar provi, kemm favur u kemm kontra l-persuni akkużati, u dawn il-provi imbagħad għandhom ikunu, kif inhuma f'dan il-każ, soġġetti għal iskrutinju ġudizzjarju skont il-liġi.

E. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi

2. Illi dwar l-ilment l-ieħor tar-rikorrenti li jirrigwarda l-parteċipazzjoni tal-Avukat Ġenerali fil-patteggjament milħuqa mal-ħati Vincent Muscat, l-intervenuti, għalkemm jifhmu li tali ilment ma jaffettwahomx direttament l-għaliex ma jikkonċernawx l-omiċidju brutali tal-Avukat Dottor Carmel Chircop, huma jagħmlu referenza għar-risposti mressqa mill-Avukat Ġenerali, mill-Avukat tal-Istat u mill-intervenuti Caruana Galizia.

3. Illi dwar l-ilment ta' abbuż tal-prosekuzzjoni b'detriment għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Adrian Agius l-intervenuti jsostnu li sa issa tresqu diversi xhieda fil-proċeduri penali. Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-intervenuti jagħmlu referenza għar-risposti mressqa mill-Avukat Ġenerali, mill-Avukat tal-Istat u mill-intervenuti Caruana Galizia fuq din il-kwistjoni u jagħmluhom tagħhom.

4. Salv risposti ulterjuri permessibbli mil-liġi.

Rat ir-**risposta tal-intervenuti fil-kawza l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew, Andrew u Paul Caruana Galizia** ippreżentata fil-21 ta' Diċembru, 2021 fejn jingħad kif ġej:

**Eccezzjonijiet Preliminari**

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-mahfra u l-patteggjament huma intempestivi billi l-iskop tal-lanjanzi taghhom huwa sabiex jirregolaw l-uzu ta' xhieda u prova li ghandha tigi regolata mill-qorti ta' gurisdizzjoni u kompetenza penali u mhux minn qorti ta' gurisdizzjoni u kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali;

2. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina mis-setgha moghtija lilha skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billli in kwantu li l-iskop tal-lanjanzi tar-rikorrenti huwa sabiex tigi regolata l-uzu ta' xhieda u prova, tali diskrezzjoni tispetta lil Qorti ta' gurisdizzjoni u kompetenza penali u kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti tkun qedgha tissindika u taghti ordnijiet dwar l-uzu ta' dik ix-xhieda u prova hija tkun qeda talloka lilha nnifisha diskrezzjoni li hija moghtia bil-ligi lil Qorti ta' gurisdizzjoni u kompetenza penali. Is-sindikar ta' dina l-Onorabbli Qorti ghandu jsehh biss wara li dik il-qorti penali tkun thalliet taqdi l-poteri gjudizzjarja taghha u tirregola hi il-prezentata u l-uzu ta' dik ix-xhieda u prova. Huwa biss wara li dan isehh li dina l-Onorabbli Qorti jkollha gurisdizzjoni tissindika jekk l-amministrazzjoni ta' dik il-prova u xhieda kif mehuda mill-qorti penali tammontax jew le ghal ksur ta' dritt fundamentali;

3. Illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandix is-setgha li tissindika l-process ta' mahfra moghtija skond il-Kostituzzjoni, u cioe ma ghandiex il-poter tissindika jekk dak li sehh skond il-Kostituzzjoni jivvjolax artikolu iehor tal-

Kostituzzjoni u dan anke billi l-artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ma jassoggettax l-ezercizzju ta' kwistjonijiet dwar l-ghoti ta' pariri jew agir skont tali pariri da parti tal-President ta' Malta;

4. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti in kwantu jirrigwardaw process ta' mahfra u ta' patteggjament fil-konfront ta' terzi ma huwiex konness mar-rikorrenti fis-sens mehtieg mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u cioe r-rikorrenti ma jissodisfawx ir-rekwiziet ta' interess guridiku mehtieg biex jistitwixxu tali proceduri taht il-Kostituzzjoni u ma humiex 'vittmi' kif mehtieg biex wiehed jikkostitwixxi proceduri taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

**Eccezzjonijiet fil-Mertu**

5. Illi l-lanjanzi kollha mressqa mir-rikorrenti ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fil-ligi;

6. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti in kwantu jirrigwardaw process ta' mahfra ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri u fl-applikabilita tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu ma jammontawx ghal 'akkuza kriminali' jew ghal xi 'determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi civili' da parti tar-rikorrenti;

7. Illi l-lanjanza tar-rikorrent Adrian Agius in kwantu tirrigwarda nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli hija intempestiva u fierha billi huwa manifest li l-proceduri qedghin jitmexxew b'pass maghggel tant li f'anqas minn sena diga nstemaw aktar minn mitt xhud f'kaz fejn l-akkuzi jinkludu atti ta' promozzjoni, kostituzzjoni, organizazzjoni u ffinanzjar ta' ghaqda bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali kif ukoll li ppartecipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-ghaqda;

8. Illi sindikar ta' prova u xhieda ta' akkuzat li huwa gudikat fil-proceduri tar-rikorrenti ma jistax isir hlief fid-dawl tal-process penali shih u dan billi

wiehed ghadu ma jafx l-ezitu tal-gudizzju penali u lanqas kemm tali prova u xhieda se tkun il-bazi jew le ta' kwalunkwe verdett;

9. Illi in kwantu r-rikorrenti jistriehu fuq ir-rapport tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika sabiex jipprovaw li l-Ezekuttiv ma setax jezercita d-diskrezzjoni tieghu fl-ghoti ta' mahfra, huma qedghin jaghmlu allegazzjoni in fondata u falza u dan billi l-hidma tal-Bord ta' Inkjesta Pubblika ma sabitx htija penali jew responsabbilita penali billi l-funzjoni tal-Bord kienet wahda amministrattiva. Konsegwentement il-lanjanza tar-rikorrenti fir-rigward tal-mahfra huma bla bazi fil-fatti u fil-ligi;

10. Illi in kwantu r-rikorrenti jistriehu fuq ir-rapport tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika sabiex jipprovaw li l-Avukat Generali seta' ezercita diskrezzjoni f'patteggjament fi proceduri kontra Vince Muscat huma ukoll infondati u bla bazi billi kwalunkwe diskrezzjoni ezercitata mhux biss saret skond id-dettami tal-ligi u senjatament l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali izda sahansitra saret ukoll taht stharrieg tal-Qorti Kriminali billi hija l-Qorti Kriminali li ghandha l-ahhar u d-diskrezzjoni gjudizzjarja finali dwar jekk talba mill-Avukat Generali u d-difiza ghandiex tigi milqugha;

**L-iSkop wara c-Cirkostanzi allegati fir-rikors promotorju – Intempestivita u Rimedju Ordinarju mhux ezawriet**

11. Ir-rikorrenti qedghin jippretendu li l-process dwar l-ghoti mill-iStat ta' mahfra u ta' pattegjament lil Vince Muscat iwassal ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fil-proceduri ta' kumpilazzjoni li fihom ir-rikorrenti huma imputati. Dan ifisser li r-rikorrenti minghajr ma jattakkaw l-ghoti tal-mahfra u tal-pattegjament huma jippretendu pero li x-xhieda konsegwenti ghal dik il-mahfra u pattegjament tohloqilhom ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fil-proceduri kontra taghhom.

12. Ir-rikorrenti ma jitolbux u ma jfittxux kancellament ta' dik il-mahfra jew tal-patteggament u lanqas ma jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjarahom invalidi jew li tannullahom. B'hekk per ezempju r-

rikorrenti jitolbu mhux li dik il-mahfra jew patteggjament jigu annullati izda li l-impatt tad-decizjonijiet li waslu ghal hrug ta' tali mahfra jew patteggjament '*ma jkollhom l-ebda impatt fuq is-smigh gudizzjarju taghhom*'[13]. Dan ifisser li dak li r-rikorrenti verament qedghin jargumentaw mhux dirett daqstant lejn l-oghti ta' dik il-mahfra jew patteggjament izda lejn ix-xhieda ta' Vince Muscat fil-proceduri kontra taghhom. B'hekk l-ghan veru ta' dawn il-proceduri mhux li l-process fl-oghti tal-mahfra jew tal-patteggjament kiser id-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti izda li tigi eskluza x-xhieda u l-provi li huma frott ta' dik il-mahfra jew patteggjament.

13. Illi pero ilment dwar il-produzzjoni ta' xhieda u prova fi proceduri penali fid-dawl tad-dritt ghal smigh xieraq huwa ilment li jinneccessita kunsiderazzjoni tal-process penali fl-intier tieghu. Dan ghaliex id-determinazzjoni ta' jekk dik ix-xhieda partikolari tammontax ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq trid titqies fid-dawl tal-verdett, tal-mod kif jitmexxa l-process anke fir-rigward ta' dik ix-xhieda, kif ukoll fid-dawl tar-rwol ta' dik ix-xhieda fil-gudizzju penali finali u fid-dawl ta' jekk l-akkuzat inghatax opportunita xierqa sabiex jirreagixxi fil-konfront ta' dik il-prova migjuba kontra tieghu.

14. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet ghal Bniedem kemm-il darba rriteniet li sabiex wiehed jikkunsidra jekk kienx hemm smigh xieraq minhabba xi prova moghtija b'xi xhud l-assessjar gjudizzjarju ghandu jkun wiehed li jikkunsidra l-process shih u fl-intier tieghu. In oltre hija l-qorti ta' kompetenza penali li ghandha d-diskrezzjoni tara liema piz ghandu jinghata lil xhieda partikolari u li dik id-diskrezzjoni ma tigix disturbata sakemm ma tkunx wahda arbitrarja jew manifestament mhux ragonevoli u sakemm il-process shih ikun wiehed gust[14].

15. Ta' min wiehed jaghmel riferenza ghad-direzzjoni li taghti l-Qorti Ewropea fir-rigward tal-analizi li qorti b'gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi

[13] Ara it-tielet talba fir-rikors promotorju, pagna 22
[14] Moreira Ferreira v. Portugal, no 2, Appl. Nru. 19867/12

jekk hemmx ksur ta' dritt ghal smigh xieraq ghandha ssegwi. Referenza qeda hawn issir ghal gbir tal-principji ghal din l-analizi maghmul mill -Qorti Ewropea fil-kaz ta' Ayetullah Ay v. Turkey[15] fejn qalet hekk:

*"123. In deciding whether applicants have received a fair hearing the Court does not take the place of the domestic courts, who are in the best position to assess the evidence before them, establish facts and interpret domestic law (see, among other authorities, the above-cited case of Navalnyy and Ofitserov, § 97 with further references therein, and Nemtsov v. Russia, no. 1774/11, § 87, 31 July 2014).*

*124. Similarly, the Court reiterates that as a principle the weight attached by the national courts to particular items of evidence or to findings or assessments submitted to them for consideration are matters that fall within the remit of the national courts, unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention or their findings can be regarded as arbitrary or manifestly unreasonable, and provided that the proceedings as a whole were fair, as required by Article 6 § 1 of the Convention (see Moreira Ferreira v. Portugal (no. 2) [GC], no. 19867/12, § 83, 11 July 2017, and Nemtsov, cited above, § 92). Therefore, its task under Article 6 of the Convention is to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair.*

*125. While Article 6 guarantees the right to a fair hearing, it does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is primarily a matter for regulation under national law (see López Ribalda and Others v. Spain [GC], nos. 1874/13 and 8567/13, § 149, 17 October 2019). The Court notes, however, that there is a distinction between the admissibility of evidence (that is to say the question of which elements of proof may be submitted to the relevant court for its consideration) and the rights*

[15] Appl, 29084/04, 1191/08, 27 Ottubru 2020 https://hudoc.echr.coe.int/eng#{%22itemid%22:[%22001-205373%22]}

*of the defence in respect of evidence which in fact has been submitted to the court (see SA-Capital Oy v. Finland, no. 5556/10, § 74, 14 February 2019 and the references therein). There is also a distinction between the latter (that is to say whether the rights of defence have been properly ensured in respect of the evidence taken) and the subsequent assessment of that evidence by the court once the proceedings have been concluded. From the perspective of the rights of the defence, issues under Article 6 may therefore arise in terms of whether the evidence produced for or against the defendant was presented in such a way as to ensure a fair trial (see, for instance, Horvatić v. Croatia, no. 36044/09, § 78, 17 October 2013, and Barım v. Turkey (dec.), no. 34536/97, 12 January 1999).*

*126. In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must be had to whether the rights of the defence were respected. It must be examined in particular whether the applicant was given the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy (see Bykov v. Russia [GC], no. 4378/02, § 90, 10 March 2009; Zhang v. Ukraine, no. 6970/15, § 57, 13 November 2018; and Erkapić v. Croatia, no. 51198/08, § 72, 25 April 2013). The burden of proof is on the prosecution, and any doubt should benefit the accused (see Ajdarić v. Croatia, no. 20883/09, § 35, 13 December 2011, with further references).*

*127. The Court furthermore reiterates that, in view of the principle that the Convention is intended to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective, the right to a fair trial cannot be seen as effective unless the requests and observations of the parties are truly "heard" – that is to say, properly examined by the tribunal (see Carmel Saliba v. Malta, no. 24221/13, § 65, 29 November 2016, with further references therein, and Fodor v. Romania, no. 45266/07, § 28, 16 September 2014). In examining the fairness of criminal proceedings, the Court has also held in particular that by ignoring a specific, pertinent and*

*important point made by the accused, domestic courts fall short of their obligations under Article 6 § 1 of the Convention (see Nechiporuk and Yonkalo v. Ukraine, no. 42310/04, § 280, 21 April 2011).”*

16. Issa fid-dawl ta’ dan kollu, allura dina l-Onorabbli Qorti qeda tigi mitluba sabiex tikkunsidra jekk ix-xhieda u l-prova li qeda ssir mix-xhud Vince Muscat fil-proceduri kontra r-rikorrenti imputati hijiex tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq minhabba li qeda tinghata sussegwenti ghal mahfra u patteggjament, liema processi skond ir-rikorrenti imputati ma segwewx il-principji ta’ gustizzja naturali. Izda hekk kif irriteniet il-Qorti Ewropea lanjanza ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq fi proceduri penali trid tigi analizzata fir-rigward tad-decizjoni tal-ammissibilita ta’ prova, fil-mod ta’ kif l-imputat jinghata jew le opportunitajiet sabiex iwettaq id-difiza tieghu, u li dan irid jigi sindikat fl-isfond tal-procedura shiha.

17. Il-kaz in kwistjoni ghadu fi stadju bikri fejn l-ammissibilita ta’ din il-prova, tax-xhieda ta’ Muscat, u l-mod ta’ kif id-drittijiet tar-rikorrenti imputati se jigu amministrati mill-qorti penali ghadhom iridu jsehhu u jitwettqu. Ir-rikorrenti imputati ghad ghandhom facilitajiet sabiex jattakkaw l-ammissibilita ta’ dik ix-xhieda. Hekk kif huma ghad ghandhom drittijiet ta’ difiza xi jwettqu quddiem il-qorti Struttorja kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali. Dak li qedghin jippretendu li dina l-Onorabbli Qorti taghmel huwa li minn issa tiddeciedi dwar x’ghandu jsir bix-xhieda ta’ Muscat meta r-rikorrenti imputati ghad ghandhom opportunitajiet sabiex jattakkaw l-ammissibilita ta’ dik ix-xhieda quddiem il-Qorti Kriminali u ghad ghandhom ukoll l-opportunita li jezercitaw id-drittijiet tad-difiza.

18. Ghalhekk ir-rikorrenti imputati qedghin jitolbu li jsir stharrieg li huwa intempestiv u dan billi l-istharrieg kostituzzjonali dwar xi ‘impatt’ li xhieda jista’ jkollha ‘fuq is-smigh gudizzjarju taghhom’ jista’ jsir biss f’gheluq il-process penali.

19. Illi ghalhekk ukoll ir-rikorrenti qedghin jitolbu li jsir stharrieg kostituzzjonali meta ghad ghandhom rimedju effettiv quddiem il-Qorti

Kriminali billi hija dik il-Qorti Kriminali li ghandha tiddeciedi jekk xhieda hijiex ammissibbli jew le anke minhabba l-mod ta' kif tkun giet ottenuta dik ix-xhieda.

20. Illi huwa ghalhekk li l-esponenti jissottomettu bir-rispett li t-talbiet imressqa mir-rikorrenti ghandhom jigu michuda billi huma intempestivi u billi ghad hemm rimedji effettivi ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti.

**Tixbieh ta' cirkostanzi li ma ghandhomx l-istess tifsira legali – Abbuz ta' Proceduri**

21. Ir-rikorrenti jipprovaw jibnu sitwazzjoni billi jzewgu cirkostanzi flimkien u jwaslu sabiex iqeghdu cirkostanzi flimkien bhal li kieku dawn huma b'xi mod konnessi jew bhal li kieku ghandhom konnessjoni legali li ggibhom flimkien. Hekk per ezempju jilmentaw mill-process li bih inghatat il-mahfra billi jaghmlu riferenza ghal dak li ntqal mill-Bord ta' Inkjesta Pubblika b'mod li jqeghdu r-responsabbilita tal-iStat taht l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u r-responsabbilita fl-amministrazzjoni tal-entitajiet fuq livel amministrattiv fuq l-istess livell u tal-istess sinifikat legali bhall-investigazzjoni tal-pulizija ezekuttiva f'omicidju.

22. Il-Bord tal-Inkjesta Pubblika kien car u ma halla l-ebda cans ghal xi ambigwita meta ddikjara il-parametri u l-iskop tal-hidma tieghu. Hekk per ezempju, il-Bord iddikjara li:

"*Il-Bord m'ghandux direttament il-funzjoni li jiddetermina jekk jirrizultalux komportament minn persuni singoli li jista' jkun kwalifikat bhala agir kriminuz u li seta' jwassal ghall-proceduri kriminali kontrihom. It-termini ta' referenza espressament jipprekludu lill-Bord milli jikkonduci l-indagini b'din il-finalita u infatti jimponi espressament illi 'l-inkjesta titmexxa b'mod li ma timpedix u ma tikkompremettix xi investigazzjni jew prosekuzzjoni kriminali jew l-integrita taghha'.*[16]

[16] Pagna 26, paragrafu b, Rapport tal-Bord ta' Inkjesta Pubblika

23. Il-Bord tal-Inkjesta Pubblika identifika hames ghanijiet li kellhom jintlahqu fil-process amministrattiv tieghu u cioe lil l-Inkjesta Pubblika kellha tistabbilixxi l-fatti, tiehu konsiderazzjoni ta' responsabbilita, tort u retribuzzjoni, tittiehed lezzjoni sabiex dak illi gara ma jergax jigri izda mhux necessarjament li tigi dikjarata xi htija, titi ripistinata l-kunfidenza pubblika u tipprovdi opportunita ta' rikonciljazzjoni.[17] Il-Bord ukoll enfasizza li ma kienitx il-funzjoni tieghu '*li jidentifika jekk hemmx lok li jittiehdu passi kriminali jew xorta ohra kontra persuni li jirrizultaw li setghu kienu b'xi mod hatja ta' xi reat kriminali jew abbuz gravi amministrattiv. Dan jaghmluh l-awtoritajiet kompententi."*[18]

24. Tant il-hidma tal-Bord ta' Inkjesta Pubblika ma hijiex tali li twassal jew tistabbilixxi ghal xi htija penali jew li tagħddi xi gudizzju b'mod ugwali ghal process gjudizzjarju li l-istess Bord spjega l-grad ta' prova li japplika ghalih bhala wiehed ibbazat '*fuq il-principju li jkunu gusti u ekwi kemm max-xhieda kif ukoll fir-rapport taghhom."* u jkompli sabiex jaghmel riferenza estensiva ghal dak li qal Lord Saville f'The Bloody Sunday Inquiry' u jaghmel is-segwneti principju tieghu:

"*As we said earlier, since we are an Inquiry and not a Court (Criminal or Civil) we cannot give a verdict or pass judgment on the question of whether an individual was guilty of a specific crime or legally recognized serious wrong doing. For the same reason the terminology and requirements of the Criminal or Civil Law are largely inapplicable. Thus it seems to us that we can and should reach conclusions without being bound by rules designed for court cases, such as who has the burden of proof and the strict rules of evidence."*[19]

25. Illi ghalhekk in kwantu r-rikorrenti jipprovaw jargumentaw li l-Bord ta' Inkjesta Pubblika sab htija fuq l-ezekuttiv li rrendietu mhux idoneju

[17] Pagna 14 u 15, Rapport tal-Bord ta' Inkjesta Pubblika
[18] Pagna 14 u 15, l-ahhar paragrafu fuq pagna 14 u jkompli fuq pagna 15, Rapport tal-Bord ta' Inkjesta Pubblika
[19] Pagna 22, Rapport ta' Inkjesta Pubblika

sabiex jiddelibera fuq l-ghoti ta' mahfra jew patteggjament, ir-rikorrent huwa zbaljat mhux biss ghaliex il-Bord ta' Inkjesta Pubblika ma kelliex u ma ezercitatx gjudizzju ta' qorti fil-portata ta' proceduri civili jew penali sabiex tistabbilixxi grad ta' htija o meno, izda ukoll ghaliex il-Bord ta' Inkjesta Pubblika kellu l-iskop lil jindaga u jikkonkludi fuq il-process amministrattiv u n-nuqqasijiet tieghu, liema nuqqasijiet fejn instabu huma ta' natura dikjaratorja amministrattiva li ma jwaslux ghal kundanna gjudizzjarja.

26. Il-hidma tal-Bord ta' Inkjesta Pubblika minn natura ta' inkjesta amministrattiva ma tnehhix ir-responsabbilita ta' organu tal-iStat izda tiehu stampa f'perjodu ta' zmien u filwaqt li tara jekk dak l-organu tal-iStat qedghix il-funzjonijiet tieghu skond l-istandards ta' amministrazzjoni tajba tipproponilu jdahhal riformi sabiex tali nuqqasijiet amministrattivi ma jirrepetux ruhhom.

27. Illi ironikament ir-rikorrenti qedghin jargumentaw li l-fatt li l-Bord ta' Inkjesta Pubblika sabet li l-iStat ippermetta li jinholoq stat ta' impunita li ppermetti sabiex kriminali bhar-rikorrenti jhossuhom komdi jkomplu jwettqu reati b'impunita allura dan ghandu jfisser li l-iStat jabdika mill-obbligu tieghu li jinvestiga assassinju mhux biss ta' Daphne Caruana Galizia izda ukoll ta' ohrajn bhal dak ta' Carmel Chircop.

28. Il-Bord ta' Inkjesta Pubblika indaga dwar l-amministrazzjoni pubblika fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia u xogholha bhala gurnalista. F'dak l-isfond huwa sab li l-iStat kien identifika lil Daphne Caruana Galizia bhala *target* u sahansitra wettaq kampanja ostili fil-konfront taghha. Huwa sab li hija '*kienet esposta ghal skala dejjem gravanti ta' riskju personali. Riskju veru u attwali li kontemporajnament pogga l-hajja taghha f'perikolu manifest. Perikolu li seta' facilment gie identifikat mill-awtoritajiet li naqsu fl-obbligazzjni pozittiva taghhom li jiehdu dawk il-mizuri operattivi necessarji, li ma kienux ser ipoggu oneru impossibbli jew sproporzjonat fuqhom, sabiex*

*jipprotegu l-hajja tas-Sinjura Caruana Galizia minn azzjonijiet kriminali ta' terzi.''*[20]

29. Illi dan huwa spjegat fil-korp tar-rapport fl-intier tieghu izda f'pagna 388 tar-rapport tal-Bord wiehed isib in succint il-konkluzjoni fir-rigward tal-iStat fejn l-istess Bord jikkonkludi li l-iStat kien naqas fuq zewg kriterji u cioe li '(a) *l-iStat u l-entitajiet li kkomponewh ma gharafx kif kellu jaghraf ir-riskju reali u immedjat, inkluz mill-agir kriminali ta' terzi ghall-hajja ta' Daphne Caruana Galizia; u (b) naqas milli jiehu mizuri fi hdan il-firxa tas-setghat tieghu li, b'gudizzju ragonevoli, kien mistenni minnu li jiehu biex jevita dak ir-riskju.'*[21]

30. Issa jekk wiehed jara kif il-Bord ta' Inkjesta Pubblika indaga u rrapporta fuq l-ewwel terminu ta' referenza moghti lilu, wiehed jinnota li r-ragunijiet li ta l-istess Bord ghall-konkluzjoni tieghu ma ghandhom xejn x'jaqsmu ma' drittijiet tar-rikorrenti. Hekk per ezempju il-Bord insista li l-holqien ta' impunita fil-konfront ta' dawk li kienu jzebilhu lil Daphne Caruana Galizia wassal sabiex l-iStat ma jirrealizzax meta kellu jirrealizza li kien qieghed ikattar sitwazzjoni fejn min ried joqtolha hassu aktar liberu li joqtolha. Huwa ghalhekk li b'konsegwenza ta' dik il-konkluzjoni tal-Inkjesta Pubblika li dak li kien mehtieg mil-iStat, kien li l-iStat jassigura ruhu li jittiehdu kull passi mehtiega sabiex l-investigazzjoni fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia tkun wahda dettaljata u matura u li fiha jittiehdu l-passi kollha mehtiega sabiex kull prova tigi migbura. Dak li qieghed jippretendu r-rikorrenti huwa li l-iStat kellu jaghmel l-oppost u cioe li joqghod jibqa ma jaghmel xejn u jhalli provi li jinsabu ma jigux uzati.

31. Ir-responsabbilita tal-iStat taht artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Bniedem jimponi fuq l-iStat obbligu sabiex iwettaq investigazzjoni dettaljata. Hekk per ezempju jekk wiehed jirriferi ghal kaz ta'

[20] Pagna 262, Rapport tal-Inkjesta Pubblika
[21] Pagna 388 u 389, Rapport tal-Bord ta' Inkjesta Pubblika

*Mustafa Tunc and Fecire Tunc v. Turkey,*[22] il-Qorti Ewropea ddeskriviet l-obbligu tal-iStat fis-segwenti kliem:

*"171. By requiring a State to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction, Article 2 imposes a duty on that State to secure the right to life by putting in place effective criminal-law provisions to deter the commission of offences against the person, backed up by law-enforcement machinery for the prevention, suppression and punishment of breaches of such provisions. This obligation requires by implication that there should be some form of effective official investigation when there is reason to believe that an individual has sustained life-threatening injuries in suspicious circumstances, even where the presumed perpetrator of the fatal attack is not a State agent (see Menson v. the United Kingdom (dec.), no. 47916/99, ECHR 2003-V; Pereira Henriques v. Luxembourg, no. 60255/00, § 56, 9 May 2006; and Yotova v. Bulgaria, no. 43606/04, § 68, 23 October 2012).*

*172. In order to be "effective" as this expression is to be understood in the context of Article 2 of the Convention, an investigation must firstly be adequate (see Ramsahai and Others v. the Netherlands [GC], no. 52391/99, § 324, ECHR 2007-II). That is, it must be capable of leading to the establishment of the facts and, where appropriate, the identification and punishment of those responsible.*

*173. The obligation to conduct an effective investigation is an obligation not of result but of means: the authorities must take the reasonable measures available to them to secure evidence concerning the incident at issue (see Jaloud v. the Netherlands [GC], no. 47708/08, § 186, ECHR 2014; and Nachova and Others v. Bulgaria [GC], nos. 43577/98 and 43579/98, § 160, ECHR 2005-VII).*

*174. In any event, the authorities must take whatever reasonable steps they can to secure the evidence concerning the incident, including, inter alia,*

[22] Appl Nru 24014/05, 14 April 2015

*eyewitness testimony, forensic evidence and, where appropriate, an autopsy which provides a complete and accurate record of injury and an objective analysis of clinical findings, including the cause of death. Any deficiency in the investigation which undermines its ability to establish the cause of death or the person responsible will risk falling foul of this standard (see Giuliani and Gaggio v. Italy [GC], no. 23458/02, § 301, ECHR 2011).*

*175. In particular, the investigation's conclusions must be based on thorough, objective and impartial analysis of all relevant elements. Failing to follow an obvious line of inquiry undermines to a decisive extent the investigation's ability to establish the circumstances of the case and, where appropriate, the identity of those responsible (see Kolevi v. Bulgaria, no. 1108/02, § 201, 5 November 2009).*

*176. Nevertheless, the nature and degree of scrutiny which satisfy the minimum threshold of the investigation's effectiveness depend on the circumstances of the particular case. It is not possible to reduce the variety of situations which might occur to a bare check-list of acts of investigation or other simplified criteria (see Tanrıkulu v. Turkey [GC], no. 23763/94, §§ 101-110, ECHR 1999-IV; and Velikova v. Bulgaria, no. 41488/98, § 80, ECHR 2000-VI). ...”*

32. Mela fid-dawl ta' dawn l-obbligi imposti fuq l-iStat ghall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, l-iStat kien obbligat jassigura ruhu li jigbor dawk il-provi kollha sabiex huwa jinvestiga u jsib lil kull persuna involuta f'dan l-assassinju, inkluz li jsib lir-rikorrenti u li jkollu kaz ragonevoli kontra taghhom biex iressaqhom quddiem il-gudizzju penali. L-esponenti jifhmu li l-ghoti ta' mahfra u patteggjament inghataw fid-dawl ta' dan l-obbligu li l-iStat ghandu taht artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea. Izda meta l-iStat jaqdi dik il-funzjoni ma jistax jigi kkunsidrat li l-qadi ta' dak id-dmir jammonta ghal ksur ta' dritt ghal smigh xieraq.

33. In oltre l-Inkjesta Pubblika kienet ezercizzju fid-dawl ta’ dawn l-obbligi tal-iStat taht artikolu 2 u partikolarment sabiex tara jekk dawk l-obbligi kienux twettqu.

34. Illi ghalhekk il-proceduri huma abbuz tal-proceduri billi huma jsejsa fuq process amministrattiv li ma jwassalx ghal dak pretiz mir-rikorrenti u cioe ghal xi kunflitt fl-Istat li ma kienx jippermettielu jwettaq l-obbligu tieghu. Anzi l-Inkjesta Pubblika filwaqt li rrikonoxxiet kif l-iStat kien naqas lil Daphne Caruana Galizia u li kien ippermetta stat ta’ impunita li kien ta lok ghal sens ta’ impunita f’persuni kriminali, hija regghet obbligat lill-iStat sabiex jassigura ruhu li dak is-sens ta’ impunita f’persuni kriminali jigi mwaqqaf. Izda l-Inkjesta Pubblika ma sabitx xi kriminalita fl-iStat anke peress li dan ma kienx il-kompitu taghha.

35. Illi ghalhekk l-esponenti bir-rispett jissottomettu illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent billi fl-ezercizzju tal-obbligi tieghu taht artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-iStat ma wettaq l-ebda ksur tad-dritt ghal smigh xieraq protett mill-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni.

**L-Ghoti tal-Proklama – Diskrezzjoni tal-iStat bhala responsabbli ghal investigazzjonijiet kriminali; Process mhux konness max-xhieda ta’ Muscat dwar l-assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia**

36. Illi fil-lanjanza taghhom fir-rigward tal-ghoti tal-proklama r-rikorrenti jonqsu milli jindikaw li x-xhieda li minnha qedghin jilmentaw u cioe ix-xhieda ta’ Vince Muscat fir-rigward tar-rikorrenti dwar l-assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia u il-process tal-proklama ma humiex maghrbuta flimkien. Illi minn dik l-informazzjoni fid-dominju pubbliku dwar il-proklama ta’ Vince Muscat din hija proklama ghal partecipazzjoni tieghu fl-omicidju ta’ Carmel Chircop u mhux ghal partecipazzjoni tieghu fl-assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia. Fil-fatt Vince Muscat ammetta l-partecipazzjoni tieghu fl-omicidju ta’ Daphne Caruana Galizia u qieghed jiskonta l-piena moghtija lilu.

37. Illi ghalhekk il-konnessjoni tal-proklama mal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia ma tezistix u r-rikorrenti qedghin jipprovaw joholqu konnessjoni biss sabiex ikunu jistaw juzaw allegazzjonijiet fir-rigward tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia ghal vantagg taghhom fl-assassinju ta' Carmel Chircop. Hekk per ezempju r-rikorrenti jghidu f'pagna 7 tar-rikors promotorju li l-konkluzjonijiet tal-inkjesta pubblikka u kif jirrizulta mill-investigazjznijiet tal-Pulizija Ezekuttiva ghadhom qedghin jigu investigati persuni fi hdan l-Ezekuttiv dwar l-involviment taghhom fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Pero l-proklama inghatat lil Muscat sabiex jixhed fuq l-omicidju ta' Carmel Chircop. Fl-investigazzjoni tal-omicidju ta' Chircop ma jidher li hemm l-ebda allegazzjonijiet bhal dawn.

38. Illi in oltre r-rikorrenti jippruvaw juzaw ir-rapport tal-Inkjesta Pubblika fin-nuqqasijiet amministrattivi tal-iStat fir-rigward tal-assassinju ta' Caruana Galizia sabiex jaghtu bazi lil lanjanza taghhom dwar proklama fuq omicidju ta' Chircop. Jekk wiehed jara l-ahhar paragrafu f'pagna 9 tar-rikors promotorju r-rikorrenti qedghin jibbazaw il-lanjanza taghhom fir-rigward tal-proklama fuq cirkostanzi allegati fl-assassinju ta' Caruana Galizia biss.

39. Illi ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti hija monka billi l-agir li huma jghidu li jwassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq huwa precizament inezistenti.

40. Illi in oltre r-rikorrenti jilmentaw li l-proklama hija ezercizju ta' funzjonijiet gudikattivi u li tindahal fil-process gjudizzjarju, izda dan l-aspett tal-ilment huwa ukoll wiehed monk. L-ghoti tal-proklama ma huwiex gudizzju gudikattiv, jigifieri ma jiddeterminax il-htija o meno, izda jaccetta dikjarazzjoni ta' htija ghal dik li hi. L-ghoti ta' proklama, specjalment meta tinghata qabel ma jkun inhareg kwalunkwe akkuzi fil-konfront ta' persuna, hija ghodda fl-ezercizzju ta' poteri ezekuttivi importanti fl-investigazzjoni ta' reati li huwa minnu ghandha tintuza mill-anqas izda hija ghodda necessarja u mehtiega specjalment meta jkollok reati kommessi b'involviment ta' hafna persuni.

41. Sakemm il-proklama tigi uzata bhala ghodda fil-qadi tad-dmirijiet ezekuttivi relatati mal-obbligu tal-iStat li jinvestiga u jigbor biz-zejjed provi kontra persuni li jkunu wettqu reat, dak l-ezercizzju ma huwiex wiehed gudizzjarju izda wiehed ezekuttiv. Kieku kellna nghidu li l-proklama, fic-cirkostanzi fejn akkuzi jkunu ghadhom ma nhargux, huwa ezercizzju gjudizzjarju allura nkunu qed nghidu li anke meta l-Kummissarju tal-Pulizija jiddeciedi jekk ghandux kaz kontra persuna tant li jista' jakkuzah dak ukoll huwa ezercizzju gjudizzjarju.

42. Illi d-dritt ta' smigh xieraq ma huwiex vjolat sempliciment ghaliex tinhareg proklama u l-kazistika tal-Qorti Ewropea b'ebda mod ma teskludi l-oghti jew il-hrug ta' proklami. Huwa biss f'kazijiet li jittrattaw akkuzi ta' reati kontra l-umanita bhal genocidju u reati ta' armed conflict, kif ukoll reati ta' tortura mwettqa minn agenti tal-iStat li d-dritt internazzjonali qieghed jizvilluppa sabiex inehhi l-uzu ta' amnestiji, izda anke hawn l-amnestiji jinghataw bhala ghodda eccezzjonali jekk l-ghoti taghhom ikun jista' jwassal b'mod ragonevoli ghal rikonciljazzjoni.

43. Jekk wiehed jara l-kaz ta' *Dujardin and others v. France,*[23] isib li:

"The Commission observes in that connection that French legislation undoubtedly secures protection of life in so far as the crime of murder is a punishable offence in French criminal law. Admittedly, as with any criminal offence, the crime of murder may be covered by an amnesty. That in itself does not contravene the Convention unless it can be seen to form part of a general practice aimed at the systematic prevention of prosecution of the perpetrators of such crimes."

44. Illi ghalhekk il-lanjanzi tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-ligi billi l-oghti ta' proklami anke b'mod ezekuttiv ma jikkozzawx mad-dritt ghal smigh xieraq.

[23] Appl Nru 16734/90, 2 Settembru 1991

45. Il-kaz ta' *Montcornet de Caumont v. France*[24]ukoll jistabbilixxi li anke l-proceduri ta' applikazzjoni ghal mahfra jezorbitaw il-parametri tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u allura ma humiex kkunsidrati bhala lanjanzi li jistaw jigu kkunsidrati fl-ambitu tal-artikolu 6. In oltre, fil-kaz in kwistjoni l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghal process tal-ghoti ta' din il-proklama billi tali proklama ma tammontax ghal *'akkuza kriminali'* fil-konfront tar-rikorrenti.

46. Id-dritt ghas-smigh xieraq japplika biss ghal dawk ic-cirkostanzi li jammontaw ghal 'akkuza kriminali' jew 'determinazzjoni ta' drittijiet u responsabbilitajiet civili'. Izda l-ghoti tal-proklama in kwistjoni b'ebda mod ma tammonta fiha nfisha ghal akkuza kriminali jew ghal xi determinazzjoni ta' dritt jew responsabbilita civili fil-konfront tar-rikorrenti. Il-process tal-proklama ma jakkuzax lir-rikorrenti u ma jiddeterminax il-htija o meno tar-rikorrenti. Il-process tal-proklama huwa process li jghin l-investigazzjoni ta' reati u jigbor provi u xhieda izda fih innifsu ma jammontax ghal akkuza kriminali.

47. Fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea 'akkuza' ghandha tfisser fit-termini tal-artikolu 6 bhala '*the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence'*[25]. F'kull kaz fejn il-Qorti Ewropea kellha tezamina jekk hemmx 'akkuza' dik il-qorti rriteniet essenzjali l-involviment tal-persuna vittma f'xi azzjoni li sehhet fil-konfront dirett taghha u cioe fejn dik il-persuna almenu kienet interrogata jew mitkellma mil-pulizija. Izda fil-kaz in kwistjoni l-att ta' proklama wahdu ma jammontax ghal dawn ic-cirkostanzi.

48. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda billi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ma

[24]

[25] Deweer v. Belgium,

huwiex applikabbli ghal kaz in kwistjoni billi c-cirkostanzi tal-process tal-ghoti jew le ta' proklama lil terzi ma jammontawx la ghal determinazzjoni ta' drittijiet jew responsabbilitajiet civili tar-rikorrenti u lanqas ghal akkuza kriminali mahruga fil-konfront taghhom. Il-process innifsu tal-proklama ma huwiex process ta' determinazzjoni ta' xi akkuza fil-konfront tar-rikorrenti.

**Il-Process ta' Patteggjament**

49. Ir-rikorrenti jilmentaw mill-ghoti ta' sentenza lil Vince Muscat fit-termini tal-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u jilmentaw mill-involviment tal-Avukat Generali f'dan il-process billi jallegaw li f'dan il-process l-Avukat Generali kien mahkum mill-ezekuttiv. Huma jibbazaw din l-allegazzjoni fuq konkluzjoni tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika li kkritika lil Dr Peter Grech u lil Dr Victoria Buttigieg fil-mod kif huma mxew fil-vesti taghhom ta' avukati tal-iStat meta kienu taw pariri lil gvern fit-twettieq ta' kuntratt fuq progett pubbliku. Issa jidher car li l-kritika tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika hija fil-konfront tad-doveri tal-Avukat Generali fil-qadi tad-dmirijietu bhala l-avukat tal-iStat u mhux fil-qadi ta' dmirijietu bhala avukat generali u prosekutur. Jidher car ukoll li l-kritika tal-Bord hija fid-dawl ta' pariri ta' natura kuntrattwali u kummercjali u konsegwentement mhux bhala avukat prosekutur. Hekk ukoll huwa car li l-kritika tal-Bord tirreferi ghal agir lil sehh qabel ma l-funzjoni ta' avukat generali giet differenzjata minn dik ta' avukat tal-istat.

50. Illi fid-dawl ta' dan kollu, waqt li l-bazi fuq xhiex ir-rikorrenti jibnu l-lanjanza taghhom hija allura bla bazi u ghandha tigi michuda fl-intier taghha, fl-istess hin kemm-il darba huma jallegaw li l-Avukat Generali setghet b'xi mod ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'xi mod taht id-dettat tal-ezekuttiv huma ghandhom l-obbligu li jippruvaw dan.

51. Illi in oltre d-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali hija diskrezzjoni oggettivament ragonevoli, fl-ambitu tal-poteri moghtija lilha u huwa process estran kompletament ghar-rikorrenti b'tali mod li r-rikorrenti lanqas jikkwalifikaw bhala vittmi ta' xi lanjanza minn dak il-process. Il-

process ta' patteggjament kien jirrigwarda ammissjoni ta' htija ta' Vince Muscat dwar l-involviment tieghu fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, liema ammissjoni u sentenza sehhet skond id-dettami tal-ligi.

52. Illi anki kieku ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta li l-partecipazzjoni tal-Avukat Generali fil-process li sehh kien b'xi mod gwidat minn dettam tal-ezekuttiv, dak il-process ma huwiex konklussiv izda skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali dak huwa process li jrid jaghddi mill-gharbiel tal-qorti gjudizzjarja. L-Avukat Generali ghandu biss ghodda li jista juzaha fi proceduri penali, izda jekk dik l-ghodda tigix applikata jew le tibqa dejjem fid-decizjoni finali tal-Qorti. Dan huwa stabbiliet bl-aktar mod car fl-artikolu 453A(2) fejn huwa car li rrilevanti dwar x'seta jkun gie deciz mill-Avukat Generali, dak li jigi propost lil Qorti isir biss jekk il-"*qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jewil-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu (1) ikunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timpani mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 453(2) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba*".

53. Illi ghalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' xi patteggjament fil-konfront ta' Vince Muscat ghandhom jigu michuda billi kwalunkwe process sar skond il-ligi, taht is-supervizjoni tal-Qorti b'tali mod li kwalunkwe diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali giet mistharrga mill-Qorti u accettata bhala valida u legittima.

**Abbuz tal-Prosekuzzjoni b'detriment ghad-drittijiet fundamentali tal-imputat Adrian Agius**

54. Illi r-rikorrent Adrian Agius jilmenta li la darba l-akkuzi ta' zewg omicidji qedghin jigu trattati flimkien huwa qieghed ikun prezenti ghal smigh ta' xhieda u provi li ma jirrigwardawx l-omicidju ta' Chircop u ghalhekk ma jirrigwardawx l-omicidju li bih huwa akkuzat, u konsegwentement dan qieghed icahdu minn smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

55. Illi meta wiehed jara l-andament tal-proceduri quddiem il-Qorti Struttorja u kif miexjin wiehed mal-ewwel jinduna kemm huwa fieragh dan l-ilment u dan billi dik il-kumpilazzjoni miexja b'ritmu maghggel u qeda tinstema fi zmien oltre milli ragonevoli mehud in kunsiderazzjoni l-kumplessita tal-akkuzi fil-konfront tar-rikorrenti Adrian Agius.

56. Illi in oltre lanjanza fuq nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli tigi mistharrga wara l-gheluq tal-proceduri sabiex qorti kostituzzjonali tkun tista' tevalwa t-terminu taz-zmien shih u tiehu decizjoni fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Huwa biss f'sitwazzjonijiet eccezzjonali fejn il-proceduri jkunu diga twalu b'mod irragonevoli li tali lanjanza tkun tista' tigi kkunsidrata. Izda fil-kaz odjern, ma huwiex minnu li l-proceduri kontra Adrian Agius sa issa hadu xi zmien irragonevoli jew li l-fatt li ko-akkuzati mieghu ghandhom akkuzi ohra apparti dawk tieghu qedghin jew se jwasslu sabiex huwa ma jkollux smigh xierarq fi zmien ragonevoli.

57. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Konsegwentment, ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, l-esponenti bir-rispett jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex taghddi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021 il-Qorti ordnat li l-ewwel jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni tar-Rikorrenti.**

Fit-23 ta' Frar 2021, l-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta ta l-maħfra kondizzjonata lil Vincent Muscat rigwardanti l-omiċidju tal-Av. Dr. Carmel Chircop li seħħ fit-8 t'Ottubru 2015. Ingħad fl-istess maħfra li din tapplika biss għal reati u pieni ta' natura kriminali.

Fl-istess ġurnata, ġie preżentat rikors konġunt mill-Avukat Ġenerali u mill-akkużat Vincent Muscat fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Vincent Muscat fejn Muscat kien akkużat bil-qtil tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia, permezz ta' liema rikors talbu lill-Qorti li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tingħata kellha tkun ta' priġunerija għal ħmistax-il sena flimkien ma' terz tal-ispejjeż peritali nkorsi f'dawk il-proċeduri.

Ir-rikorrenti odjerni jsostnu illi bl-għoti tal-proklama presidenzjali u bil-patteġġjament li sar, il-jedd tagħhom għas-smigħ xieraq ġie leż. Id-dritt tagħhom allegatament ġie leż ukoll meta l-prosekuzzjoni pproċediet kontra r-rikorrenti fi proċedura waħda meta Adrian Agius qiegħed jiġi akkużat bl-omiċidju ta' Carmel Chircop biss filwaqt li Robert Agius u Jamie Vella qegħdin jiġu akkużati bl-omiċidju ta' Carmel Chircop u ta' Daphne Caruana Galizia.

Il-jedd ġie allegatament leż għaliex isostnu li l-proċess ta' kif tingħata l-maħfra tmur kontra l-proċess demokratiku u jdgħajjef is-saltna tad-dritt. Dan il-ħsieb qegħdin jibbażawh fuq il-konlużjonijiet tal-inkjesta pubblika ppreżentata lill-Prim Ministru fid-29 ta' Lulju 2021, fejn ingħad li l-Pulizija qegħdin jinvestigaw diversi persuni fi ħdan l-Eżekuttiv dwar l-involviment dirett u/jew indirett tagħhom fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Jgħidu li fil-fatt kien il-Kabinett li rrakomanda li tingħata l-maħfra presidenzjali, nies li allegatament għandhom jew kellhom interess dirett dwar l-istess maħfra. Skond ir-rikorrenti dan iqajjem dubju fuq l-indipendenza u l-imparzjalita fuq l-operat tal-istess Kabinett.

Ir-rikorrenti jinsistu wkoll li l-patteġġjament illedilhom l-jedd għas-smigħ xieraq għaliex id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali ma kinitx waħda imparzjali u indipendenti. Dik id-deċiżjoni jgħidu li kellha impatt konsiderevoli fil-proċess ġudizzjarju u s-smigħ li qegħdin jirċievu r-rikorrenti.

Rigwardanti l-fatt li hemm proċedura waħda kontra r-rikorrenti, qiegħed jingħad li Adrian Agius għalkemm qatt ma ġie allegat jew akkużat b'xi parteċipazzjoni fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia huwa qiegħed ikollu jisma' għal siegħat sħaħ evidenza marbuta ma' dan il-qtil meta m'għandha l-ebda relevanza għall-akkużi li qiegħed jiffaċċja hu.

**L-Eċċezzjonijiet Preliminari**.

Għal dawn l-allegazzjonijiet l-intimati u l-intervenuti fil-kawża qajmu diversi eċċezzjonijiet iżda f'din is-sentenza l-Qorti sejra tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha għall-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari.

Il-Qorti ordnat li l-ewwel jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari u għalhekk waqt is-seduta tat-8 ta' Frar 2022 l-intimati u l-intervenuti fil-kawża indikaw liema eċċezzjonijiet għandhom jiġu deċiżi. Il-legali tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali talbu li f'dan l-istadju tiġi trattata u deċiża **l-eċċezzjoni preliminari numru tnejn (2)**; il-legali tal-intervenuti fil-kawża l-familja Caruana Galizia talbu li f'dan l-istadju jiġu trattati u deċiżi wkoll **l-eċċezzjonijiet preliminari min-numru wieħed (1) sa erbgħa (4)**; filwaqt li l-legali għall-intervenuti Chircop talbu li f'dan l-istadju tiġi trattata u deċiża **l-eċċezzjoni preliminari enumerata numru wieħed (1) minn paragrafu 'A' sa paragrafu 'E'**. L-eċċezzjonijiet preliminari li ser jiġu kkunsidrati huma għalhekk is-segwenti:

***Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat:***

"2. Illi in linea preliminari, l-intimati formalment jeċċepixxu illi l-ogħti tal-maħfra Presidenzjali hija prerogattiva tal-Eċċellenza tiegħu, l-President ta'

Malta, u l-mekkaniżmu ta' kif tingħata proklama huwa sanċit fl-ogħla liġi tal-pajjiż, fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Eċċellenza tiegħu, l-President ta' Malta aġixxa a tenur tal-artikolu 93 (1) u l-artikolu 85 (1) tal-Kostituzzjoni. A tenur tal-artikolu 85 (2) tal-istess Kostituzzjoni, kwistjonijiet dwar l-għoti ta' pariri jew aġir skont tali pariri da parti tal-President ta' Malta, ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ebda qorti;"

***Intervenuti fil-kawża Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia:***

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-mahfra u l-patteggjament huma intempestivi billi l-iskop tal-lanjanzi taghhom huwa sabiex jirregolaw l-uzu ta' xhieda u prova li ghandha tigi regolata mill-qorti ta' gurisdizzjoni u kompetenza penali u mhux minn qorti ta' gurisdizzjoni u kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali;

2. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina mis-setgha moghtija lilha skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billli in kwantu li l-iskop tal-lanjanzi tar-rikorrenti huwa sabiex tigi regolata l-uzu ta' xhieda u prova, tali diskrezzjoni tispetta lil Qorti ta' gurisdizzjoni u kompetenza penali u kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti tkun qedgha tissindika u taghti ordnijiet dwar l-uzu ta' dik ix-xhieda u prova hija tkun qeda talloka lilha nnifisha diskrezzjoni li hija moghtia bil-ligi lil Qorti ta' gurisdizzjoni u kompetenza penali. Is-sindikar ta' dina l-Onorabbli Qorti ghandu jsehh biss wara li dik il-qorti penali tkun thalliet taqdi l-poteri gjudizzjarja taghha u tirregola hi il-prezentata u l-uzu ta' dik ix-xhieda u prova. Huwa biss wara li dan isehh li dina l-Onorabbli Qorti jkollha gurisdizzjoni tissindika jekk l-amministrazzjoni ta' dik il-prova u xhieda kif mehuda mill-qorti penali tammontax jew le ghal ksur ta' dritt fundamentali;

3. Illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandix is-setgha li tissindika l-process ta' mahfra moghtija skond il-Kostituzzjoni, u cioe ma ghandiex il-poter tissindika jekk dak li sehh skond il-Kostituzzjoni jivvjolax artikolu iehor tal-

Kostituzzjoni u dan anke billi l-artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ma jassoggettax l-ezercizzju ta' kwistjonijiet dwar l-ghoti ta' pariri jew agir skont tali pariri da parti tal-President ta' Malta;

4. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti in kwantu jirrigwardaw process ta' mahfra u ta' patteggjament fil-konfront ta' terzi ma huwiex konness mar-rikorrenti fis-sens mehtieg mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u cioe r-rikorrenti ma jissodisfawx ir-rekwiziet ta' interess guridiku mehtieg biex jistitwixxu tali proceduri taht il-Kostituzzjoni u ma humiex 'vittmi' kif mehtieg biex wiehed jikkostitwixxi proceduri taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;"

***Intervenuti fil-kawża MaryRose Chircop u Dr. Kendrick Chircop:***

1. "Ir-rikorrenti jallegaw diversi affarijiet fir-rikors promotur tagħhom fosthom is-segwenti:

A. Illi l-għoti tal-proklama lil Vincent Muscat sabiex jagħti fost affarijiet oħra informazzjoni attendibbli, kredibbli u veritjiera, dwar l-omiċidju tal-Avukat Dottor Carmel Chircop jilledi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta). Isostnu li meta l-Kabinett tal-Ministri rrakkomanda lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex tingħata l-proklama lil Vincent Muscat, l-istess eżekuttiv indaħal f'dak li huwa kompitu tal-qrati u konsegwentement meta ġiet rakkomandata u ingħatat tali proklama kien "*hemm l-abbuż, xejn inqas u xejn aktar*". Bid-dovut rispett, l-intervenuti ma jaqblux ma din is-sottomissjoni tar-rikorrenti. L-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta mexa mad-dettami tal-liġi hekk kif kontemplata fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Mir-rikors promotur ma hemm xejn x'jindika li l-Eċċellenza Tiegħu ma mexxiex mal-proċedura eżistenti f'dan il-każ.

B. Illi huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-għoti tal-maħfra qabel ma jkunu inbdew proċeduri ta' natura penali u maħfra li tingħata waqt il-perkors ta' proċeduri penali u/jew wara li jkunu ntemmu tali proċeduri. F'dan il-każ, ma kien hemm l-ebda proċeduri penali meta ingħatat il-maħfra. Imbagħad bis-saħħa ta' tali maħfra, inbdew proċeduri penali kontra r-rikorrenti. Illi l-maħfra hija għodda li l-Istat għandu biex tkun tista tiġi miġġielda u melgħuba l-kriminalita. F'dan il-każ, li jkun qiegħed jagħmel l-Istat huwa li jagħti l-għodda lill-Pulizija/Prosekuzzjoni sabiex fejn ma kienx hemm provi diretti, issa jkun hemm. Pero xorta waħda provi jibqgħu. Il-ġudizzju finali fuq tali provi li jkun ta' l-Istat lill-prosekuzzjoni sabiex tipprova l-każ tagħha huwa tal-Qrati u ta' ħadd iżjed. Dan ifisser li x-xhieda ta' Vincent Muscat hija soggetta għal iskrutinju tal-Qrati u tal-partijiet fil-proċeduri penali. Fil-fatt, Vincent Muscat ġie obbligat li jixhed f'kull proċedura quddiem kull Qorti kemm jekk ta' ġurisdizzjoni Kriminali, kif ukoll jekk ta' ġurisdizzjoni Ċivili jew Kostituzzjonali. Dan ifisser li r-regoli tax-xhieda japplikaw għalih u japplikaw ukoll għall-partijiet fil-kawża. Huwa soġġett għal-kontro-eżami. Fil-proklama ma hemm xejn li tgħid li din ix-xhieda ta' Vincent Muscat, per eżempju, ma hija soggetta għal ebda reviżjoni jew skrutinju. Hemm pero, kif diġa ngħad, l-obbligu, fost obbligi oħra, li huwa jrid jixhed, u ma hemm xejn fil-proklama tiegħu, li ingħatat limitatament fil-konfront tal-omiċidju tal-Avukat Dottor Carmel Chircop. Li jfisser li min hu tenut li jiġġudika jista ukoll jiġġudika tali xhieda fid-dawl tal-fatti kollha kif stabbiliti.

C. Mela f'dan il-każ mhux minnu li tali maħfra illediet id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq. L-Eżekuttiv ma kellhu l-ebda obbligu li jisma l-veduti tar-rikorrenti. L-uniku obbligu tal-Eżekuttiv kien li juża l-għodda li għandu a disposizzjoni tiegħu, għodda mogħtija mill-Kostituzzjoni, biex jara li l-prosekuzzjoni jkollha l-aħjar provi biex tmexxi każ quddiem il-Qrati. Pero bl-ebda mod ma indaħħal fid-deċiżjoni dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti. Id-deċiżjoni dwar l-attendibilita tax-xhieda o meno, anke ta' dak li ingħata l-proklama, hija f'data f'idejn min għandu jiġġudika. L-Eżekuttiv ma indaħħalx f'dan l-aspett.

D. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-intervenuti jtennu ukoll li r-rikorrenti ma għandhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jressqu dan l-ilment tagħhom fil-konfront tal-maħfra li ingħatat lil Vincent Muscat. Jekk jiġri dak prospettat mir-rikorrenti jkun ifisser li huma jkunu qegħdin jiddettaw liema provi tista u għandra tressaq il-prosekuzzjoni fil-proċeduri penali pendenti kontrihom. Il-prosekuzzjoni għandha tressaq l-aħjar provi, kemm favur u kemm kontra l-persuni akkużati, u dawn il-provi imbagħad għandhom ikunu, kif inhuma f'dan il-każ, soġġetti għal iskrutinju ġudizzjarju skont il-liġi.

E. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi"

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni Preliminari dwar l-Interess Ġuridiku**.

L-ewwel eċċezzjoni li sejra tiġi kkunsidrata mill-Qorti hija r-raba' eċċezzjoni tal-intervenuti fil-kawża Caruana Galizia u paragrafu D tal-intervenuti fil-kawża Chircop u ċioe li rikorrenti m'għandhomx interess ġuridiku kif meħtieġ taħt il-Kostituzzjoni u lanqas huma meqjusin vittma tkif meħtieġ taħt il-Konvenzjoni.

*X'ingħad fit-trattazzjoni.*

Ġie sottomess mill-intervenuti Caruana Galizia li r-rikorrenti m'għandhom l-ebda interess ġuridiku, personali, dirett u attwali fir-rigward tal-proċess tal-maħfra u dan għaliex huma ma kinux parti f'dik il-maħfra. Jinsistu li l-uniku interess li għandhom ir-rikorrenti huwa li titneħħa mill-proċedura kriminali dik il-prova mogħtija minn Vincent Muscat. F'dan il-punt l-imsemmija intervenuti fil-kawża jagħmlu referenza għall-allegat fatt li l-ammissibilita o meno ta' tali xhieda taqa' fil-kompetenza tal-Qrati Kriminali u m'hijiex il-kompetenza ta' din il-Qorti. Spjegaw ukoll li Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax għal din il-lanjanza stante li hawn si tratta ta' proċedura ta' maħfra u mhux proċedura ġudizzjarja; il-proċedura ta' maħfra hija miżura li tgħin investigazzjoni.

Jsostnu l-intervenuti Caruana Galizia li dan iwassal sabiex juri kemm jonqos l-interess ġuridiku. Fir-rigward tal-Konvenzjoni wieħed jeħtieġ li jkun vittma diretta jew vittma indiretta sabiex ikun jista' jmexxi kawża ta' ksur ta' dritt sanċit taħtha. Jissottomettu li r-rikorrenti m'humiex vittmi diretti tal-proċess tal-maħfra u dan peress li huma ma kinux parti fil-proċess tal-maħfra. L-istess jista' jingħad fir-rigward ta' vittmi indiretti – ir-rikorrenti ma soffrew l-ebda preġudizzju li seta' sofra l-vittma dirett.

Min-naħa tagħhom l-intervenuti Chircop issottomettew li l-proklama hija għodda f'idejn l-istat u għalhekk ir-rikorrenti m'għandhomx interess ġuridiku. Ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda jedd jiddettaw liema prova u xhieda tista' tressaq il-Prosekuzzjoni. Fir-replika spjega dan il-punt bis-segwenti mod:

> "dak li qeghdin jippruvaw jaghmlu r-rikorrenti [...] huwa li rridu niddettaw lill-Pulizija lil min itellghu bhala xhieda, jigifieri lil dak ittellawx u lil dak tellghu u jekk ma tismax minn dak li qed nghidlek jien naghmillek kawza kostituzzjonali ghax qed *tilledieli* d-dritt. Mela allura ahna kawzi kriminali ma jistghux jimxu allura iktar ghax jiena nghidlek dak ix-xhud ittellawx u ttellghu. Fl-ahhar tal-gurnata lill-Pulizija nistghu nindahlulha lil min tressaq bhala xhieda? Jiena nghid li le mbaghad sta ghall-Qorti jew ghal dawk il-persuni li jridu jghaddu gudizzju, l-gurati biex jiddeciedu huma jekk dak ix-xhud li tellghu l-Pulizija bl-ghodda li ghandu l-istat biex lil dik il-persuna taghmilha xhud jiddeciedi jekk jemmnuhx jew le, ghalija semplici. Jigifieri m'iniex nghid il-kwistjoni tad-disclosure u mhux disclosure m'ghandha assolutament x'taqsam xejn. Li qed jintqal huwa li jekk il-Pulizija lili issa ha jressqu l-klijent tieghi l-Qorti u nghidilhom lil min ghandkom xhieda u jindikawli hames xhieda per ezempju nghidilhom lil dak ittellawhx ghax jiena ma kontx involut fid-decizjoni taghkom jekk ghandux jixhed jew le. Kif nistghu?"[26]

Mill-banda l-oħra il-legali tar-rikorrenti spjega li r-rikorrenti għandhom interess in vista li qabel ma ħa l-maħfra presidenzjali Vincent Muscat, il-

[26] Paġna 29 tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni.

Prosekuzzjoni ma kellhom ebda prova kontrihom u kien biss in segwitu għal din il-maħfra li l-Prosekuzzjoni ressqet lil Adrian Agius akużat bl-omiċidju ta' Carmel Chircop u r-rikorrenti Robert Agius u Jamie Vella akkużati kemm bl-omiċidju ta' Carmel Chircop kif ukoll bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Jinsistu li huma għandhom interess għaliex il-kawża miġjuba kontrihom tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Vincent Muscat li ingħata proklama b'mod inġust. Rigwardanti l-osservazzjoni tal-provi li għandhom jitressqu, il-legali tar-rikorrenti jinsisti li huwa għandu d-dritt għall-materjal kollu tal-każ. Rigwardanti dak li ingħad dwar l-istatus ta' vittma, ir-rikorrenti ssottomettew li Vincent Muscat qatt ma jista' jiġi kkunsidrat bħala vittma diretta u dan għaliex huwa fil-fatt persuna li approffita ruħu jew gwadanja mis-sistema. Jinsistu li huma huma l-vittmi għaliex b'kelma ta' Vincent Muscat dawn ġew arrestati.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jagħmlu referenza għad-dritt għal smigħ xieraq. L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonali japplika "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat"[27] u fid-"deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili"[28]. Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika "in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him"[29]. In oltre l-leġittimazzjoni biex titressaq azzjoni taħt l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319), hija mogħtija lil "kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha", fil-każ tal-Kostituzzjoni, jew lil "kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha" fil-każ tal-Kapitolu 319.

[27] Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni.
[28] Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni.
[29] Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Fl-ambitu tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 34 jgħid illi "*every natural person as well as every non-governmental organization (NGO) or group of individuals can apply to the European Court of Human Rights (ECtHR)*". Sabiex ikun hemm *victim status,* l-Artikolu 34 jgħid illi l-applikant għandu jkun "*the victim of a violation by one of the High Contracting Parties of the rights set forth in the Convention or the protocols thereto".*

Ifisser għalhekk li min iressaq azzjoni dwar drittijiet fondamentali jrid juri li huwa dritt tiegħu li sejjer jinkiser, jew x'aktarx sejjer jinkiser, bl-għemil li dwaru jsir l-ilment. Fi kliem ieħor, irid juri interess ġuridiku jew – fl-lingwaġġ tal-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni – li huwa "vittma".

In tema legali, l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Carmel Aquilina vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Kost 83/2018) mogħtija fis-27 ta' Settembru 2019 fejn ġie rikonoxxut li għalkemm il-prinċipju ta' interess ġuridiku u dak ta' vittma jixxiebhu, dawn m'humiex identiċi:

> "12. [...] l-legittimazzjoni attiva biex tressaq azzjoni taht id-disposizzjoniijet tal-Kostituzzjoni li jharsu d-drittijiet fondamentali u dik biex tressaq azzjoni taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ghalkemm jixxiebhu u qrib xulxin, ma humiex ghal kollox identici. L-art. 116 tal-Kostituzzjoni jrid illi biex titressaq azzjoni taht l-art. 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni huwa mehtieg "interess persunali b'appogg ghall-azzjoni", waqt li that l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa mehtieg illi l-attur juri illi huwa "vittma" ta' ksur ta' xi jedd imhares taht il-Konvenzjoni Ewropea. Ghalkemm, kif inghad, iz-zewg kuncetti huma qrib xulxin u jixxiebhu, ghax kull min hu vittma ghandu wkoll, minhabba f'hekk, interess persunali, ma humiex identici, ghax l-interess persunali jista' wkoll ikun usa'."[30]

[30] Ara wkoll **Emanuel Delia vs. Onor. Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali et** (Rik Kost 93/2018) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Jannar 2020; **Onor. Dr. Simon Busuttil vs L-Avukat Generali et** (Rik Kost 86/2017) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2018) u mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta` Ottubru 2018.

Dwar min hu vittma, ta' relevanza huwa d-dokument bit-titolu ***Practical Guide on Admissibility Criteria*** maħruġ mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) [revedut fl-1 ta' Frar 2022] fejn jingħad hekk dwar *victim status*:

"**a. Notion of "victim"**

18. The word "victim", in the context of Article 34 of the Convention, denotes the person or persons directly or indirectly affected by the alleged violation. Hence, Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (*Vallianatos and Others v. Greece* [GC], § 47). The notion of "victim" is interpreted autonomously and irrespective of domestic rules such as those concerning interest in or capacity to take action (*Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain*, § 35), even though the Court should have regard to the fact that an applicant was a party to the domestic proceedings (*Aksu v. Turkey* [GC], § 52; *Micallef v. Malta* [GC], § 48; *Bursa Barosu Başkanliği and Others v. Turkey*, §§ 109-117). It does not imply the existence of prejudice (*Brumărescu v. Romania* [GC], § 50), and an act that has only temporary legal effects may suffice (*Monnat v. Switzerland*, § 33).

19. The interpretation of the term "victim" is liable to evolve in the light of conditions in contemporary society and it must be applied without excessive formalism (ibid., §§ 30-33; *Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain*, § 38; *Stukus and Others v. Poland*, § 35; *Ziętal v. Poland*, §§ 54-59). The Court has held that the issue of victim status may be linked to the merits of the case (*Siliadin v. France*, § 63; *Hirsi Jamaa and Others v. Italy* [GC], § 111). The Court can examine the question of victim status and *locus standi ex officio*, since it concerns a matter which goes to the Court's jurisdiction (*Buzadji v. the Republic of Moldova* [GC], § 70; *Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland* [GC], § 93; *Unifaun Theatre Productions Limited and Others v. Malta*, §§ 63-66; Jakovljević v. Serbia (dec.), § 29).

20. The distribution of the burden of proof is intrinsically linked to the specificity of the facts, the nature of the allegation made and the Convention right at stake (*N.D. and N.T. v. Spain* [GC], §§ 83-88).

**b. Direct victim**

21. In order to be able to lodge an application in accordance with Article 34, an applicant must be able to show that he or she was "directly affected" by the measure complained of (*Tănase v. Moldova* [GC], § 104; *Burden v. the United Kingdom* [GC], § 33; *Lambert and Others v. France* [GC], § 89). This is indispensable for putting the protection mechanism of the Convention into motion (*Hristozov and Others v. Bulgaria*, § 73), although this criterion is not to be applied in a rigid, mechanical and inflexible way throughout the proceedings (*Micallef v. Malta* [GC], § 45; *Karner v. Austria*, § 25; *Aksu v. Turkey* [GC], § 51). For instance, a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party (*Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy* [GC], § 92). However, in *Margulev v. Russia,* the Court considered the applicant to be a direct victim of defamation proceedings although he was only admitted as a third party to the proceedings. Since domestic law granted the status of third party to proceedings where "the judgment may affect the third party's rights and obligations vis-à-vis the claimant or defendant", the Court considered that the domestic courts had tacitly accepted that the applicant's rights might have been affected by the outcome of the defamation proceedings (§ 36). In *Mukhin v. Russia**, the Court recognised that the editor-in-chief of a newspaper could claim to be a victim of the domestic courts' decisions divesting that newspaper of its media-outlet status and annulling the document certifying its registration (§§ 158-160). Further, in some specific circumstances, direct victims who had not participated in the domestic proceedings were accepted as applicants before the Court (*Beizaras and Levickas v. Lithuania*, §§ 78-81). Standing in domestic proceedings is therefore not decisive, as the notion of "victim" is interpreted autonomously in the Conventon system (see, for instance, *Kalfagiannis and Pospert v. Greece* (dec.), §§ 44-48, concerning the financial administrator of a public

service broadcaster whose victim status was accepted by the domestic courts but not by the Court).

22. Moreover, in accordance with the Court’s practice and with Article 34 of the Convention, applications can only be lodged by, or in the name of, individuals who are alive (*Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania* [GC], § 96). However, particular considerations may arise in the case of victims of alleged breaches of Articles 2, 3 and 8 at the hands of the national authorities. Applications lodged by individuals or associations on behalf of the victim(s), even though no valid form of authority was presented, have thus been declared admissible (§§ 103-114).

**c. Indirect victim**

23. If the alleged victim of a violation has died before the introduction of the application, it may be possible for the person with the requisite legal interest as next-of-kin to introduce an application raising complaints related to the death or disappearance of his or her relative (*Varnava and Others v. Turkey* [GC], § 112). This is because of the particular situation governed by the nature of the violation alleged and considerations of the effective implementation of one of the most fundamental provisions in the Convention system (*Fairfield v. the United Kingdom* (dec.)).

24. In such cases, the Court has accepted that close family members, such as parents, of a person whose death or disappearance is alleged to engage the responsibility of the State can themselves claim to be indirect victims of the alleged violation of Article 2, the question of whether they were legal heirs of the deceased not being relevant (*Van Colle v. the United Kingdom,* § 86; *Tsalikidis and Others v. Greece,* § 64; *Kotilainen and Others v. Finland,* §§ 51-52).

[...]

**d. Potential victims and *actio popularis***

36. Article 34 of the Convention does not allow complaints *in abstracto* alleging a violation of the Convention (*Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania* [GC], § 101 and the references cited therein). In certain specific situations, however, the Court has accepted that an applicant may be a potential victim. For example, where he was not able to establish that the legislation he complained of had actually been applied to him on account of the secret nature of the measures it authorised (*Klass and Others v. Germany*) or where an alien's removal had been ordered, but not enforced, and where enforcement would have exposed him in the receiving country to treatment contrary to Article 3 of the Convention or to an infringement of his rights under Article 8 of the Convention (*Soering v. the United Kingdom*) or where a law punishing homosexual acts was likely to be applied to a certain category of the population, to which the applicant belonged (*Dudgeon v. the United Kingdom*). The Court has also held that an applicant can claim to be a victim of a violation of the Convention if he or she is covered by the scope of legislation permitting secret surveillance measures and if the applicant has no remedies to challenge such cover surveillance (*Roman Zakharov* v. *Russia* [GC], §§ 173-78).

37. In order to be able to claim to be a victim in such a situation, an applicant must produce reasonable and convincing evidence of the likelihood that a violation affecting him or her personally will occur; mere suspicion or conjecture is insufficient (*Senator Lines GmbH v. fifteen member States of the European Union* (dec.) [GC]; *Shortall and Others v. Ireland* (dec.)). For the absence of a formal expulsion order, see *Vijayanathan and Pusparajah v. France*, § 46; for alleged consequences of a parliamentary report, see *Fédération chrétienne des témoins de Jéhovah de France v. France* (dec.); for alleged consequences of a judicial ruling concerning a third party in a coma, see *Rossi and Others v. Italy* (dec.); for alleged consequences of anti-doping measures for sports associations and individual sports professionals,

see *National federation of Sportspersons' Associations and unions (FNASS) and Others v. France*, §§ 91-103.

38. An applicant cannot claim to be a victim in a case where he or she is partly responsible for the alleged violation (*Paşa and Erkan Erol v. Turkey*)."

Fis-sentenza **Association of European Integration and Human Rights v. Bulgaria** (Appl Nru 62540/2000) mogħtija fid-29 ta' Ġunju 2007, il-QEDB tat interpretazzjoni liberali ferm ta' *victim status.* Fost oħrajn qalet:

*"The Court therefore accepted that an individual may, under certain conditions, claim to be the victim of a violation occasioned by the mere existence of secret measures or of legislation permitting them, without having to allege that such measures were in fact applied to him or her (see **Klass and Others**, judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, pp. 16-20, §§ 30-38; **Malone v. the United Kingdom**, judgment of 2 August 1984, Series A no. 82, p. 31, § 64; and **Weber and Saravia v. Germany** ((dec.), no.54934/00, §§ 78 and 79, ECHR 2006"*[31]

Kif ġie ritenut aktar 'l fuq, filwaqt li l-Konvenzjoni tagħmel referenza għal vittma, il-Kostituzzjoni teħtieġ li minn jintavola azzjoni għandu jkollu interess ġuridiku li għandu jibqa' jissussti sa tmiem il-proċeduri. Fost il-ġurisprudenza dwar il-prinċipju ta' interess ġuridiku insibu l-kawża fl-ismijiet **Lino Debono vs. Malta Drydocks et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Jannar 2007:

"Id-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza taghna ta' interess guridiku hija dika tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa "*l'utilita' finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto"*. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal

[31] Ara wkoll **Habran and Dalem vs Belgium (Appl. No. 43000/11 u 49380/11)** deċiża mill-QEDB fis-17 ta' Jannar 2017 para 96 et seq.

min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi usufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (Vol LXXVI p2 p 247).

L-interess irid ikun guridiku cjoe bazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi. (Ara **Vol 37 p3 p889**; **Vol LXXIV p3 p481**; Mattirolo Vol 1 pag. 50; Mortara Vol 11 p 588; Coen Vol 1 para 1 No.2) irid ikun dirett (meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha) u personali (fis-sens li jirrigwarda l-attur) u jrid ikun konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt (**Vol 32 p1 p540; p2 p 257**). Ara wkoll sentenza ta' dina l-Qorti Citaz Nru: **1054/95GV Prokuratur Legali Albert Agius Ferrante et vs L-Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro et** deciza fit-28 ta' Marzu 1996). L-interess guridiku irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (App **J.Sammut vs C.Attard** 17/2/1993 u **Calleja vs Micallef App** 1/4/1992)."

Fis-sentenza **Anthony P. Farrugia vs. Onor. Prim Ministru et** (Rik Kost 8/11) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-17 ta' Novembru 2011 ġie riaffermat

"Illi jidher sewwa li jingħad li f'kawża fejn persuna tallega li ġarrbet ksur ta' jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li għandha interess ġuridiku biex tiftaħ kawża bħal dik. Huwa biss f'kawża maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni – l-hekk imsejħa "*actio popularis*" dwar in-nuqqas ta' siwi ta' liġijiet – li m'huwiex meħtieġ li l-parti attriċi turi li għandha xi interess personali biex tressaq kawża bħal dik. Mill-bqija, jidher li l-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess f'kawża "ordinarja" japplikaw ukoll għall-kawżi taħt din il-proċedura speċjali ta' ksur ta' dritt fundamentali (P.A. (Kost.) RCP **19.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Cassar vs Awtorita' Marittima ta' Malta et)***. Ukoll jekk wieħed kellu jqis is-sottomissjoni tal-għaref difensur tar-rikorrent dwar l-istatus ta' "vittma" f'każ bħal dan, l-istess parti mġarrba trid turi li hija tassew "vittma" u dan jikkostitwixxi l-interess ġuridiku tagħha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din;

"Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali (Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)), u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq (Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**));

"Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha (App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**));

"Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)), b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)). Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali (Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**));

"Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha (Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija), u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għall-anqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il

darba jiġi kuntrastat (Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata));

"Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament (Ara PA. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257)**; u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)). Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem (Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**));

"Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku (App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**));

"Illi, minħabba li kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diġa' nkiser jew qiegħed jinkiser b'xi għamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-biżgħa tal-ksur ta' dak il-jedd, joħroġ li f'każ bħal dan l-element tal-interess ġuridiku jieħu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita'. Dan m'għandux ikun ta' xkiel għall-applikazzjoni tal-prinċipji fuq imsemmija, għaliex l-interess ġuridiku mistenni xorta waħda jirriżulta fejn, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat ikun wieħed rejali u imminent (Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph magħruf bħala Nadia Ħili vs L-Avukat Ġenerali et)***;

Fuq l-istess linja ta' ħsieb kienet il-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza ferm riċenti fl-ismijiet **Arnold Cassola vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 329/2021) deċiża fis-7 ta' Marzu 2022 fejn ġie reaffermat li:

> "L-interess ġuridiku meħtieġ f'kawżi ordinarji u dak meħtieġ f'kawżi kostituzzjonali huwa distint. Dan għaliex il-leġislatur ried li din il-Qorti jkollha l-poter mhux biss li tirrimedja ksur ta' jedd fondamentali li jkun diġa' seħħ iżda wkoll li tipprevjeni milli jseħħ ksur ta' dritt fejn jitressaq quddiemha lment li x'aktarx ikun ser iseħħ ksur ta' jedd fondamentali. Għalhekk fejn il-Qorti tuża l-poteri tagħha sabiex tagħmel proprju dan hija tkun qed twettaq il-funzjonijiet tagħha kif kontemplati mill-liġi, u għaldaqstant ma jistax ikun il-każ li kawża bħal din "tiżnatura" l-proċeduri kostituzzjonali"

B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament għall-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti għandhom interess ġuridiku u li għandhom *status* ta' vittma.

Għalkemm din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ma kellhom l-ebda interess ġuridiku u wisq anqas jedd li jinstemgħu qabel jiġi deċiż jekk għandhiex tingħata l-proklama – stante li l-proklama m'hijiex proċess ġudizzjarju – fl-istess ħin għandhom interess ġuridiku iressqu din l-azzjoni ġaladarba li azzjoni sabiex jiġi dikjarat li l-jedd għal smigħ xieraq ġie leż mhux disponibbli biss f'dawk il-każijiet fejn tkun diġa' seħħet leżjoni ta' dritt iżda tali azzjoni tista' titressaq fejn hemm potenzjal ta' leżjoni ta' dritt fundamentali.[32]

Din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti għandhom status ta' vittmi potenzjali, prinċipju li huwa rrikonoxxut mill-QEDB kif ġie spjegat fid-dettall aktar 'l fuq. Sa dan l-istadju ir-rikorrenti ma jafux x'ser ikun l-effett u xi rwol ser jilgħabu l-maħfra presidenzjali mogħtija lil Vincent Muscat u l-patteġġjament li sar

[32] Ara **Tancred Tabone vs. L-Onor Speaker tal-Kamra tad-Deputati et** (Rik Kost 29/2014) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju 2020.

mal-istess fil-verdett tagħhom. Jafu biss li bis-saħħa tal-istess maħfra u patteġġjament, huma tressqu bħala akkużati għall-omiċidji rispettivi.

Mingħajr preġudizzju għal dawn il-kunsiderazzjonijiet, anke jekk għal grazzja tal-argument biss, ir-rikorrenti m'għandhomx interess ġuridiku jew m'għandhomx status ta' vittma taħt l-ewwel żewġ premessi mressqa minnhom, il-Qorti tqis li r-rikorrent Adrian Agius ċertament li għandu interess ġuridiku taħt it-tielet premessa u ċioe fejn qiegħed jiġi allegat li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq qiegħed jiġi leż meta l-Prosekuzzjoni mexxiet l-akkużi kontra r-rikorrenti flimkien nonostante li Adrian Agius ma ġiex akkużat bl-involviment tiegħu fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Ir-rikorrenti għalhekk għandhom interess ġuridiku sabiex iressqu din l-azzjoni. Għal kull buon fini l-Qorti tagħmilha ċara li f'dan l-istadju hija qiegħda tagħmel biss osservazzjonijiet rigwardanti l-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku u status ta' vittma u xejn minn dawn il-konsiderazzjonijiet m'għandhom jiġu interpretati li l-Qorti qiegħda tqis il-mertu tal-kawża jew qiegħda ssib li hemm leżjoni ta' smigħ xieraq. In oltre, il-konsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq qegħdin isiru mingħajr preġudizzju għal dak li ser jiġi meqjus aktar 'l isfel hija u tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-intempestivita.

**Il-Qorti għalhekk qed tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-intervenuti Caruana Galizia u l-eċċezzjoni paragrafu D mressqa mill-intervenuti Chircop.**

Ikkunsidrat;

Hekk meqjus li r-rikorrenti għandhom interess ġuridiku, il-Qorti sejra ddawwar ħarsitha lejn l-eċċezzjonijiet rimanenti u ser tibda billi tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar **it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat, it-tielet eċċezzjoni tal-intervenuti Caruana Galizia u l-eċċezzjoni mmarkata 'A' tal-intervenuti Chircop u ċioe li l-President ta' Malta mexa skont il-proċedura stabbilita fil-Kostituzzjoni u li l-ogħti tal-maħfra Presidenzjali hija prerogattiva tal-President, u kwistjonijiet dwar**

**l-għoti ta' pariri jew aġir skont tali pariri da parti tal-President ma jistgħu jiġu eżaminati minn ebda Qorti.**

*X'ingħad fit-trattazzjonijiet*

Bit-tieni eċċezzjoni tagħhom l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tikkunsidra jekk għandhiex is-setgħa sabiex tissindika deċiżjoni u aġir tal-President tar-Repubblika meta wieħed iqis il-liġi suprema tal-pajjiż. Jinsistu li l-Artikolu 85 (2) huwa ċar li l-Qorti hija espliċitament prekluża milli tissindika aġir jew deċiżjoni tal-President. L-imsemmija jissottomettu li hawn non si tratta eżerċizzju ta' diskrezzjoni iżda eżerċizzju ta' prerogattiva, liema eżerċiżju huwa aktar qawwi u huwa aktar sinifikanti minn merament diskrezzjoni. Din id-distinzjoni saret abbażi tal-fatt li fejn il-liġi ppermettiet li l-aġir diskrezzjonali ta' Awtorita jiġi sindikatt, il-leġislattur dan indikah fil-liġi stess bħal per eżempju l-Artikolu 469B tal-Kapitolu 12. Fir-replika ġie spjegat li l-proklama speċifikament tipprovdi li l-President ingħata parir mill-Kabinett tal-Ministri.

L-intervenuti fil-kawża min-naħa tagħhom ma żiedu xejn aktar u straħu fuq dak li ingħad mill-Avukat tal-Istat fit-trattazzjoni tiegħu.

Dwar din l-eċċezzjoni ir-rikorrenti bdew billi kkjarifikaw li l-kontestazzjoni tagħhom oġġettivament hija kif jitħaddem l-mekkaniżmu speċjali li jinsab fl-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni u suġġettivament kif tħaddem dan il-mekkaniżmu u jekk dan huwiex jaffettwa d-drittijiet funadamentali tagħhom. Jissottomettu li l-Artikolu 85 (2) "ma jitkellimx fuq l-għażliet jew id-deċiżjoniiet tal-President tar-Repubblika b'mod ħolistiku imma jitkellem fuq inċidenza partikolaru".[33] Jgħidu li dawn l-inċidenzi huma tnejn: (a) il-kwistjoni jekk il-President ikunx aġixxa skont il-parir mogħti lilu u (b) il-kwistjoni jekk il-President ikunx irċieva dak il-parir. Id-deċiżjoni per se taqa barra mill-parametri ta' l-imsemmi artikolu. Kompla jingħad hekk:

[33] Paġna 14 tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni.

"mhux id-decizjoni tal-President innifisha imma d-decizjoni tal-President in relazzjoni mal-Awtorita', f'dan il-kas qed jghidlek il-Cabinet. Dan ma jfissirx li l-President jista jiddipartixxi minn norma kostituzzjonali, x'inhi n-norma kostituzzjonali? Li l-President jinghata l-parir mill-Prim Ministru jew mill-Awtorita' f'dan il-kas u jghid iva, dik hija n-norma kostituzzjonali izda jfisser biss li s-sanzjoni ghandha tkun politika u mhux legali. Mela x'qed nghidu hawn? Is-sanzjoni tal-President jekk ma jsegwix il-parir tal-Prim Ministru per ezempju biex ixolji l-Parlament ghandha tkun wahda politika u l-Prim Ministru jirrezenja."[34]

Jispjegaw li dak li qegħdin jitolbu stħarriġ minn din il-Qorti m'huwiex jekk il-President semgħax mill-Prim' Ministru jew jekk irċeviex parir mingħand il-Prim'Ministru iżda dwar il-mekkaniżmu tal-proklama b'mod oġġettiv u kif dan intuża fil-każ de quo. B'referenza għall-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti spjegaw li imkien f'dan l-artikolu m'hemm indikat li d-deċiżjoni ta' maħfra ma tistax tinbidel.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

Il-provvedimenti relevanti fir-rigward huma l-**Artikolu 85** (Eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-President) **u l-Artikolu 93** (Prerogattiva ta' maħfra) **tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Dawn jaqraw hekk:

"**85.** (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu l-President **għandu jaġixxi skont il-parir** tal-Kabinett jew ta' Ministru li jaġixxi skont l-awtorità ġenerali tal-Kabinett ħlief fil-każijiet meta huwa meħtieġ b'din il-Kostituzzjoni jew b'xi liġi oħra li jaġixxi skont il-parir ta'xi persuna jew awtorità li ma tkunx il-Kabinett:

Iżda l-President **għandu jaġixxi skont il-ġudizzju deliberat** tiegħu stess fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet li ġejjin –

---

[34] Paġna 15 tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni

(a) fl-eżerċizzju tas-setgħat dwar ix-xoljiment tal-Parlament mogħtija lilu skont il-proviso li hemm mas-subartikolu (5) tal-artikolu 76 ta' din il-Kostituzzjoni;

(b) fl-eżerċizzju tas-setgħa li jaħtar il-Prim Ministru jew ineħħi l-Prim Ministru mill-kariga mogħtija lilu bl-artikolu 80 u bis-subartikolu (1) tal-artikolu 81 ta' din il-Kostituzzjoni;

(ċ) fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 83 ta' din il-Kostituzzjoni (li jirriferixxi għall-qadi tal-funzjonijiet tal-Prim Ministru matul assenza, vaganzijew mard) fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-proviso li hemm mas-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu;

(d) fl-eżerċizzju tas-setgħa li jaħtar il-Kap tal-Oppożizzjoni u li jħassar kull ħatra bħal dik mogħtija lilu bl-artikolu 90 ta' din il-Kostituzzjoni; u

(e) meta juri l-approvazzjoni tiegħu għall-finijiet tas-subartikolu (4) tal-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni dwar ħatra għal kariga fil-persunal tiegħu;

(f) fl-eżerċizzju tas-setgħat konferiti minn din il-Kostituzzjoni li jagħmel ħatriet għal xi kariga skont il-Kostituzzjoni.

(2) **Meta skont din il-Kostituzzjoni l-President huwa meħtieġ li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorità, il-kwistjoni jekk ikunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont, dak il-parir ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.**

(3) Ir-riferenza fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għall-funzjonijiet tal-President għandha tinftiehem bħala riferenza għas-setgħat u dmirijiet tiegħu fl-eżerċizzju tal-awtorità esekuttiva ta' Malta u għal kull setgħat u dmirijiet oħra mogħtija lilu jew impost fuqu bħala President bi jew skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra.

**"93. (1) Il-President ikollu s-setgħa li –**

**(a) jagħti lil xi persuna li jkollha x'taqsam fi jew tkun ġiet misjuba ħatja ta' xi reat maħfra, sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi;**

(b) jagħti lil xi persuna sospensjoni, sew indefinita jew għal perijodu speċifikat, dwar l-esekuzzjoni ta' xi kundanna mogħtija lil dik il-persuna għal xi reat;
(ċ) jissostitwixxi forma ta' piena anqas ħarxa minflok xi piena imposta fuq xi persuna għal xi reat; jew
(d) jaħfer fl-intier tagħha jew f'parti minnha kull kundanna mogħtija lil xi persuna għal reat jew għal xi penali jew konfiska li xort'oħra tkun dovuta lill-Istat minħabba f'xi reat.

(2) (a) Meta xi persuna tkun ġiet kundannata għal mewt minn xi qorti f'Malta, il-President għandu jara li rapport bil-miktub tal-każ mill-imħallef ġudikant, jew, fil-każ ta' qorti marzjali mill-persuna li tkun ippresjediet, u dak it-tagħrif l-ieħor miksub mill-inkartament tal-każ jew minn band'oħra kif il-President jista' jeħtieġ, jiġi mibgħut lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

(b) L-imsemmi Ministru għandu jibgħat dak ir-rapport miktub u tagħrif (jekk ikun hemm) lill-Kabinett, u l-Kabinett għandu jagħti parir lill-President jekk għandux jagħti lill-ħati maħfra jew sospensjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilu b'dan l-artikolu."

In tema legali ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Onor. Imħ. Anton Depasquale vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 725/1999) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fil-21 ta' Novembru 2000 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Settembru 2001:

"Dwar il-pariri tal-Ministru responsabbli ghall-gustizzja: Ir-rikorrent jilmenta li meta l-Ministru tal-Gustizzja ta l-pariri tieghu relativi ghas-surrogi impunjati, kienet effettivament il-parti avversarja ghalih li specifikament ghazlet il-gudikanti biex jisimghu l-appell kostituzzjonali pendenti bejnu u l-Gvern ta' Malta. U fir-rigward tas-surroga ta' l-Onor. Imhallef Filletti kien hemm ukoll intervent ta' l-Avukat Generali stess.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rizervi tar-rikorrent mhumiex fondati, u dan apparti dak li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 85 tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar l-insindakabilita' da parti tal-Qrati ta' l-agir tal-President ta' Malta meta dan huwa mehtieg skond il-Kostituzzjoni li jagixxi fuq il-parir ta' xi persuna. In vista tal-fatt li saru l-provi relattivi, il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tezamina l-qofol ta' dak l-artikolu stante li fil-proceduri fi stadju tal-appell gew prodotti l-provi relattivi [...]"[35]

Rilevanti wkoll is-sentenza **Anthony Zarb et vs. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et** (Rik Kost 729/1999) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 t'Ottubru 2002:

"29. Il-Qorti sejra issa tikkumenta dwar l-argument imsemmi tar-rikorrenti, in kwantu jikkoncerna l-mahfra presidenzjali.

30. L-artikolu 93 (1) (a) tal-Kostituzzjoni jaghti lill-President ta` Malta s-setgha li *"jaghti lil xi persuna li jkollha x`taqsam fi jew giet misjuba hatja ta` xi reat mahfra, sew hielsa jew suggetta ghal kondizzjonijiet skond il-ligi".*

Din is-setgha moghtija lill-President hija maghrufa bhala l-Prerogativa tal-Mahfra. Gejja minn zminijiet antiki meta l-prerogattiva kieent tas-sovran u baqghet tinzamm f`kostituzzjonijiet anke ta` zminijietna, generalment mill-Kap ta` l-Istat, ghaliex ghandha certa utilita`. Minn dejjem kien ritenut li din il-prerogativa tal-mahfra ma hijiex sindakabbli minn ebda Qorti, anke ghaliex hija setgha li, sa certu punt, tista` titqies bhala li qieghdha `l fuq mis-saltna tad-dritt.

[...]

35. [...] L-iskop ewlieni tas-salvagwardji kollha li johorgu mill-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-

---

[35] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu jolqtu proceduri ghal reat kriminali, huwa precizament li jassiguraw lill-imputat (jew lill-akkuzat) li l-proceduri kollha li jwasslu ghall-eventwali sejbien ta` htija w il-konsegwenzjali ghotja tal-piena, ikunu rizultat ta` process gudizzjarju korrett u san li jkun sar minn Qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b`ligi.

Jekk dan il-process gudizzjarju, ghal xi raguni, jigi tronkat u mwaqqaf darba ghal dejjem, qabel ma l-qorti jkollha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fuq ir-reita` o meno ta` l-akkuzat, allura l-ghan ewlieni tal-process gudizzjarju ikun intilef. Fil-fehma tal-Qorti, jkun ghal kollox inutili li din il-Qorti tkompli tinvestiga biex tiddeciedi jekk sal-punt li l-process gudizzjarju gie tronkat – l-akkuzat kienx jew le inghata smiegh xieraq skond l-imsemmija salvagwardji."[36]

Finalment issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Norman Vella vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost 55/2016) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Novembru 2020 (mhux appellata):

"53. B'referenza għas-sitt eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat fejn ingħad li skont l-artikolu 85(2) u l-artikolu 86(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tali parir jew rakkomandazzjoni ma tistax tiġi eżaminata minn ebda Qorti, l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi: "*Meta skont din il-Kostituzzjoni l-President huwa meħtieġ li jagixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorita`, il-kwistjoni jekk ikunx f'xi kaz ircieva, jew ikunx agixxa skont dak il-parir ma għandhiex tigi ezaminata minn ebda Qorti*."

54. L-artikolu 86(3) jiddisponi: "*Meta skont din il-Kostituzzjoni l-Prim Ministru huwa meħtieġ li jaqdi xi funzjoni skont ir-rakkomandazzjoni ta' jew wara konsultazzjoni ma' xi persuna jew awtorita`, il-kwistjoni jekk huwa jkunx f'xi każ* irċ*ieva jew ikunx aġixxa skont dik ir-rakkomandazzjoni jew jekk ikunx ikkonsulta ma' dik il-persuna jew awtorita` ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti.*"

[36] *ibid.*

55. Dwar dan il-punt, jista' jitqies b'mod analogu dak deċiż fil-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi protezzjoni lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku minn ċerta proċeduri ġudizzjarji. Hawnhekk qed issir analoġija ma' entita` oħra. Il-PSC mhux ħieles minn skrutinju tal-Qrati ordinarji. Il-Qrati tagħna osservaw li l-PSC mhijiex insindakabbli b'mod assolut ... Il-Qrati tagħna osservaw li, jew li l-istess PSC aġixxiet bi ksur ta' drittijiet fundamentali." (**Attard vs St. Angelo noe et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru 1996, **Galea vs Chairman tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar 1985).

56. Fil-każ in ezami, l-allegat ilment tar-rikorrent jirrigwarda r-rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru għaċ-Chairman tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi. Illi din il-Qorti tista' tissindika dak kollu li jista' jkun bi ksur tad-drittijiet fundamentali. Iżda, tali rakkomondazzjoni ta' Chairman tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi m'għandhiex tiġi eżaminata minn din il-Qorti a tenur tal-Artikolu 85(2) u 86(3) tal-Kostituzzjoni, tali rakkomandazzjoni m'għandhiex tkun sindakabbli".

Ikkunsidrat;

**Artikolu 93 (1)** ma jipprovdiex dettalji dwar xi proċedura għandha tiġi adoperata mill-President fl-għoti tal-maħfra lil xi persuna li kellha x'taqsam ma' xi reat. Fl-istess ħin pero' dan l-artikolu irid jinqara flimkien mal-Artikolu 85 tal-Kostituzzjoni.

L-istanzi li l-President għandu jaġixxi skont il-ġudizzju deliberat tiegħu mingħajr parir ta' ħadd huma kollha elenkati fil-proviso tal-ewwel subartikolu tal-imsemmi artikolu 85. Dawn brevement huma s-segwenti:

a. Xoljiment tal-Parlament;
b. Ħatra jew tneħħija tal-Prim Minsitru;

c. Qadi tal-funzjonijiet tal-Prim Ministru matul l-assenza, mard jew vaganzi tiegħu;
d. Ħatra jew tħassir ta' ħatra ta' Kap tal-Oppożizzjoni;
e. Approvazzjoni dwar ħatriet għal kariga fil-persunal tiegħu;

L-għoti ta' maħfra presidenzjali m'hijiex waħda mill-funzjonijiet li l-President jista' jagħmel skont il-ġudizzju deliberat tiegħu mingħajr il-parir imsemmi fis-sub inċiż numru 1 tal-Artikolu 85.

L-eżerċizzju ta' funzjonijiet tal-President li ma jaqgħux taħt l-imsemmi proviso, inkluż għalhekk l-għoti tal-proklama, taqa' taħt il-mekkaniżmu stabbilit fl-ewwel sub-artikou. L-imsemmi sub-artikolu jipprovdi li l-President għandu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu,jaġixxi skont il-parir tal-Kabinett jew ta' Ministru li jaġixxi skont l-awtorita ġenerali tal-Kabinett. Jekk il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra teħtieġ li l-President jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorita oħra li ma tkunx il-Kabinett, il-President għandu jikseb dak il-parir minn dawk il-persuni jew awtoritajiet u jaġixxi skont dak il-parir.

Jidher ċar li l-President għandu jitlob il-parir mill-Kabinett, persuna jew awtorita skont il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra għal dawk il-funzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-proviso u għandu jaġixxi skont il-parir mogħti lilu.

Dan ifisser għalhekk li ġaladarba l-għoti tal-maħfra m'hijiex inkluża fil-lista tal-proviso, sabiex jagħti l-maħfra taħt l-Artikolu 93 (1) il-President għandu l-obbligu kostituzzjonali li jitlob il-parir mill-Kabinett jew Ministru responsabbli u jaġixxi skont dak il-parir.

L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat huwa għalhekk korrett li jgħid li l-mekkaniżmu għall-ogħti tal-maħfra huwa sanċit fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fil-każ de quo, m'hemmx kontestazzjoni li l-President ikkonsulta, kiseb u mexa fuq il-parir mogħti lilu meta ħareġ il-maħfra presidenzjali lil Vincent Muscat. Għalhekk ma hemmx kontestazzjoni li l-vot tal-Kostituzzjoni stabbilit bl-Artikolu 93 u Artikolu 85 tal-Kostituzzjoni ġie formalment segwit.

Il-maħfra presidenzjali tipprovdi li "billi jiena President ta' Malta ingħatajt parir mingħand il-Kabinett tal-Ministri fit-termini tal-artikoli 85 u 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex nagħti din il-maħfra"[37].

Fl-ewwel talba tagħhom ir-rikorrenti qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara illi l-aġir tal-intimati huwa illegali u jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom billi jiksru l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Fil-premessi imbagħad ir-rikorrenti jippremettu illi l-maħfra presidenzjali kisret id-dritt fundamentali tagħhom protett bl-artikoli imsemmija għaliex skond huma:

i) il-Kabinett naqas milli jisma' dak illi kellhom xi jgħidu huma għall-allegazzjonijiet magħmula minn Vincent Muscat;
ii) l-għoti tal-proklama tikser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali;
iii) dawk li ddeċidew dwar l-istess proklama kellhom użjew seta' kellhom kull interess illi l-proklama tingħata lil Muscat u mhux lil terzi persuni;
iv) dawk li ddeċidew dwar l-istess proklama kellhom u/jew seta' kellhom kull interess illi jissemmgħu u/jew ma jissemmewx ċertu fatti illi jikkonċernaw l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia;
v) dawk li ddeċidew dwar din il-proklama inżammu responsabbli għall-istess assassinju.

Skont ir-rikorrenti l-kontestazzjoni tagħhom oġġettivament hija kif jitħaddem il-mekkaniżmu speċjali li jinsab fl-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni u suġġettivament kif tħaddem dan il-mekkaniżmu fil-każ tagħhom u jekk dan illediex id-funadamentali tagħhom.

[37] Kopja tal-maħfra presidenzjali ma ġietx ppreżentata minn ebda parti nonostante li dan huwa l-pern tal-azzjoni. Il-Qorti għandha kopja tal-imsemmija maħfra wara li għamlet riċerka fid-dominju pubbliku: https://tvmnews.mt/news/ara-ippubblikata-l-proklama-li-nghatat-lil-vince-muscat/ (li qed tiġi annessa ma' din is-sentenza)

Artikolu 93 għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 85 u dan għaliex huma intrinsikament konnessi peress li l-mekkaniżmu huwa delineat fl-Artikolu 85 u mhux fl-Artikolu 93.

Meta tagħsar l-ilment tar-rikorrenti f'dan ir-rigward wieħed jifhem illi jikkonsisti f'kontestazzjoni tal-provvedimenti tal-liġi kostituzzjonali. Ir-rikorrenti qegħdin isostnu li l-mekkaniżmu pprovdut fil-Kostituzzjoni għall-għoti tal-maħfra presidenzjali huwa anti-kostituzzjonali u anti-konvenzjonali għaliex allegatament dak il-mekkaniżmu illeda d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq. Dan li jallegaw fil-premessi; għalkemm dan ma hux rifless fit-talbiet. Għaliex fit-talbiet jillimitaw ruħħhom li jitolbu dikjarazzjoni ta' aġir bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom.

Għall-kompletezza pero' għandu jingħad illi **Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar is-supremazija tal-Kostituzzjoni. Ifisser għalhekk li ebda artikolu fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew addirittura li jikser xi artikolu ieħor tal-istess Kostituzzjoni.**

Dan il-prinċipju ġie kkonfermat fil-ġurisprudenza nostrana b'mod speċifiku fil-każ **Dottor Harry Vassallo vs. Onorevoli Prim Ministru et** (Rik Kost 6/2001) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Ottubru 2001 fejn ingħad: "*Mhuwiex maħsub li xi parti mill-Kostituzzjoni tista' titqies kontra l-Kostituzzjoni*". L-argument għalhekk li l-mekkaniżmu fil-Kostituzzjoni b'mod oġġettiv qiegħed jilledilhom il-jedd għal smiegħ xieraq ma fih l-ebda fondament legali.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti kif imfissra fil-premessi tar-rikors promotur f'dan ir-rigward hija inkonċepibbli fis-sistema ġuridiku ta' pajjiżna.

Il-Qorti għalhekk qed tiddikjara illi Artikoli 85 u 93 tal-Kostituzzjoni ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu li jiksru id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u għalhekk ma jistax jingħad li oġġettivament dak il-mekkaniżmu jilledilhom il-jeddijiet tagħhom.

Dwar jekk fit-tħaddim tal-proċedura maħsuba fil-Kostituzzjoni għall-għoti tal-maħfra presidenzjali lil Vincent Muscat nkisirx id-dritt fundamentali kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti fuq imsemmi, **il-Qorti ma tistax tinjora dak li jipprovdi l-Artikolu 85 (2) tal-Kostituzzjoni u ċioe li meta "l-President huwa meħtieġ li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorità, il-kwistjoni jekk ikunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont, dak il-parir ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."**

Jirriżulta illi dan m'huwiex l-unika artikolu fil-Kostituzzjoni li jipprovdi li xi kwistjoni m'għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti.

Fosthom insibu l-**Artikolu 86 (3) tal-Kostituzzjoni** li jipprovdi illi:

> "Meta skont din il-Kostituzzjoni l-Prim Ministru huwa meħtieġ li jaqdi xi funzjoni skont ir-rakkomandazzjoni ta', jew wara konsultazzjoni ma', xi persuna jew awtorità, il-kwistjoni jekk huwa jkunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont dik ir-rakkomandazzjoni jew jekk ikunx ikkonsulta ma' dik il-persuna jew awtorità ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."

Artikolu ieħor jinstab proprju fil-Kapitolu li jirregola d-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjament l-**Artikolu 44 (4) (d)** fejn it-tieni *proviso* jipprovdi li:

> "Iżda wkoll, il-Ministru responsabbli għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza Maltija ma għandux ikun meħtieġ li jagħti ebda raġuni għall-ħruġ ta' xi ordni msemmi fil-proviso li jiġi minnufih qabel, u d-deċiżjoni tal-Ministru dwar xi ordni bħal dan ma għandha tkun suġġetta għal appell jew stħarriġ f'ebda qorti"

Hemm ukoll l-**Artikolu 101A (14)**: "il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."

Artikolu ieħor huwa l-**Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni** li jaqra hekk:

> "Il-kwistjoni jekk –
> (a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni;
> (b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubblikujew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, uffiċjal pubbliku jew awtorità bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew
> (ċ) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni oħra dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bħal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,
> ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."

Mhux darba u tnejn ġew mistħarrġa minn dawn il-Qrati l-funzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[38].[39]. F'dawk il-proċeduri, il-Qrati dejjem waslu għall-konklużjoni li meta l-qadi tad-dmirijiet u/jew funzjonijiet imorru kontra l-Kostituzzjoni, b'mod speċifiku kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti għandha l-kompetenza tissindika dak li sar ħażin.

Dan meqjus pero għandu jingħad li hemm distinzjoni netta bejn dawk iċ-ċirkostanzi u ċ-ċirkostanzi mertu tal-kawża odjerna.

Filwaqt li r-referenzi li saru għalihom jirrigwardaw Kummissjonijiet imwaqqfa mill-Kostituzzjoni, il-każ odjern jirrigwarda l-operat tal-President tar-Repubblika fil-funzjoni kostituzzjonali tiegħu.

[38] **Michael Borg vs. Onor. Prim Ministru et** (Rik Kost 22/2016) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru 2016 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 t'Ottubru 2017 u l-ġurisprudenza hemm ikwotata.

[39] **L-Imħallef Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs. L-Onor Prim Ministru et** (Rik Kost 16/2014) deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-5 ta' Ġunju 2104, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Mejju 2015; **L-Imħallef Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs. L-Onor Prim Ministru et** (Rik Kost 3/2013) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2014

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ppremettew li l-jedd tagħhom għal smigħ xieraq ġie leż bl-għoti mill-President tar-Repubblika tal-proklama lil Vincent Muscat u dan għaliex skond ir-rikorrenti l-President mexa fuq il-parir li skont ir-rikorrenti kien vizzjat għaliex qabel ma inghata dak il-parir lill-President mill-Kabinett, il-Kabinett ma ħax il-verżjoni tagħhom u wkoll għaliex il-kabinett allegatament ma kienx newtrali.

Skond Artikolu 85 u 93 tal-Kostituzzjoni:

i) Qabel ma l-President tar-Repubblika jagħti lil xi persuna li jkollha x'taqsam ma' reat il-maħfra imsejħa il-"Prerogattiva ta' Maħfra", marbut li jitlob il-parir tal-Kabinett jew tal-Ministru responsabbli li jkun qed jaġixxi skond l-awtorita' ġenerali tal-Kabinett;

ii) F'tali ċirkostanzi l-President għandu jaġixxi skond il-parir mogħti mill-Kabinett jew il-Ministru kif imsemmi;

iii) F'tali ċirkostanzi jekk il-parir mitlub ikunx wasal għand il-President ma hiex sindakabbli minn ebda qorti;

iv) F'tali ċirkostanzi jekk il-parir mitlub jasal għand il-President, il-kwistjoni jekk il-President aġixxiex skond il-parir li jkun irċeva ukoll ma hiex sindakabjbli minn ebda qorti.

Isegwi għalhekk illi filwaqt li huwa minnu li ħadd ma hu 'il fuq mil-liġi, il-Kostituzzjoni ta' Malta tagħmilha ċara, u ma tagħti lok għall-ebda ekwivoku, illi l-ebda qorti m'għandha s-setgħa tindaga jekk il-parir wasalx għand il-President tar-Repubblika qabel ma agixxa bis-setgħa mogħtija bl-Artikolu 93 (1) fuq imsemmi. Mhux biss talli l-istess Kostituzzjoni tipprovdi mingħajr mezzi termini illi anke jekk hemm prova li l-parir wasal għand il-President, l-ebda qorti ma tista' tiġi mitluba tiddeċiedi jekk il-President tar-Repubblika aġixxiex skond dak il-parir.

Dan stabbilit, isegwi illi mhux mogħti lill-ebda qorti illi tissindika il-parir mogħti lill-President u dan għaliex kif rajna t-tieni sub-inċiż tal-Artikolu 85 jipprovdi li l-kwistjonijiet jekk il-President ikunx irċieva parir jew ikunx aġixxa skont dak il-parir kif ukoll il-parir innfisu m'humiex sindikabbli. Dak huwa li qiegħda tipprovdi l-għola liġi tal-pajjiż.

Una volta hawn si tratta ta' aġir tal-President tar-Repubblika, dak li l-Kostituzzjoni tipprovdi fir-rigward m'għandux jiġi modifikat bl-introduzzjonijiet ta' eċċezzjonijiet għar-regola meta l-Leġislatur m'għamel ebda eċċezzjonijiet. Mhux possibbli li l-Qorti tiddelibera dwar il-validita' o meno tal-parir mogħti lill-President tar-Repubblika mingħajr ma jiġi deliberat ukoll il-validita' tal-aġir tal-President fl-għoti tal-maħfra lil Vincent Muscat, anke jekk fl-isfond ta' allegazzjoni ta' leżjoni tad-dritt fundamentali. Il-Kostituzzjoni ma tipprovdiex illi l-operat tal-President tar-Repubblika fit-termini tal-Artikolu 85 (2) tal-Kostituzzjoni ma hux sindakabbli sakemm it-talba ghal tali skrutinju ma hiex msejsa fuq allegazzjoni ta' lezzjoni ta' dritt fundamentali. Kieku l-leġislatur ried jagħmel tali eċċezzjoni fir-rigward tal-operat tal-President kien jagħmilha espresament, aktar u aktar meta si tratta tal-istess Kostituzzjoni.

**Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qed tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat, it-tielet eċċezzjoni tal-intervenuti Caruana Galizia u l-eċċezzjoni mmarkata ittra 'A' tal-intervenuti Chircop stante li kwistjonijiet dwar jekk fl-għoti tal-maħfra presidenzjali il-President ta' Malta mexiex skont il-proċedura stabbilita fil-Kostituzzjoni u kwistjonijiet dwar l-għoti ta' pariri jew aġir skont tali pariri da parti tal-President tar-Repubblika ma jistgħux jiġu sindakati minn ebda Qorti lanqas fejn jiġi allegat leżżjoni tad-drittijiet fundamentali.**

Ikkunsidrat;

Meqjus li l-maħfra presidenzjali ma tistax tiġi sindikata minn din il-Qorti, jmiss li jiġi mistħarreġ jekk l-azzjoni tar-rikorrenti hijiex intempestiva fir-rigward

tal-patteġġjament u smigħ tal-akkużi flimkien. Dan ifisser li l-Qorti sejra tikkunsidrat l-**ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intervenuti Caruana Galizia u l-eċċezzojoni f'paragrafu B tal-intervenuti Chircop.**

*X'ingħad fit-trattazzjoni*

L-intervenuti Caruana Galizia issottomettew li l-lanjanza tar-rikorrenti f'dan ir-rigward tolqot l-andament tal-proċess kriminali, liema proċess għadu ma ġiex konkluż. Apparti dikjarazzjoni ta' leżjoni intalab ukoll lill-Qorti tagħti ordni li d-deċiżjonijiet kollha li kkawżaw il-ksur ilmentat, jiġu dikjarati li m'għandu jkollhom l-ebda impatt fuq il-proċess penali .

Skont l-imsemmija intervenuti fil-kawża dawn iż-żewġ ħsibijiet flimkien iwasslu sabiex jiġi muri li dawn il-proċeduri huma intempestivi u għalhekk il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat mogħtija lilha li tisma' l-każ. L-użu ta' xhieda fi proċess kriminali kif ukoll l-ammissibilita, kwistjonijiet ta' xi provi jistgħu jitressqu, kif jitressqu, l-ordnijiet ta' kif jitressqu dawk il-provi huma kollha ta' kompetenza u ġurisdizzjoni tal-Qrati penali u ma tiddeċidihomx il-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali.

L-intervenuti Chircop min-naħa tagħhom spjegaw li Vincent Muscat, bħala l-persuna li ingħata l-proklama, "huwa prova"[40] u għalhekk huwa soġġett għall-iskrutinju tal-kontro-eżami mill-imputati jew akkużati, u mill-ġurati eventwalment. Hija l-Qorti Kriminali imbagħad li għandha s-setgħa li tiddeċiedi dwar il-validita' tal-provi mressqa.

Mill-banda l-oħra il-legali tar-rikorrenti jirribattu billi jagħmilha ċara li f'din l-azzjoni m'humiex qegħdin isostnu li x-xhieda ta' Vincent Muscat hija inammissibbli – dak l-ilment tqajjem quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali. Jispjegaw fil-fatt hekk:

[40] Paġna 11 tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni.

> "l-process li wassal biex dik ix-xhieda hija wahda ammessibbli hija wiehed li ttiehed b'mod hazin u b'mod hazin minhabba l-fatt illi kif inhuma l-affarijiet illum jidher car li ma hemmx is-*seperations of powers* kif rikjesta, kif mghallmin ahna. Il-fatt illi jiena nghid u nitlob il-Qorti thares lejn it-talbiet taghna. Jekk inharsu lejn it-talbiet taghna Sur Imhallef imkien m'ahna nghidu nitolbu lil din il-Qorti tiddikjara din ix-xhieda inammessibbli ma tezisti mkien. Imkien m'ahna nghidu nitolbu din il-Qorti tiddikjara lil Vincent Muscat bhala xhud inammessibbli, mhux qed nghidu hekk ahna, mkien m'ghidniha. Ahna li qeghdin nitolbu lil din il-Qorti tara u tixtar il-procedura li tintuza taht il-ligi taghna biex tinghata mahfra presidenzjali."[41]

Sottomettew li fl-għoti tal-maħfra presidenzjali m'għandu qatt ikun hemm involut l-Eżekuttiv u l-prosekutur.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

Ġaladarba ġie deċiż li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa tissindika l-aġir u d-deċiżjonijiet rigwardanti l-maħfra Presidenzjali, ser tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk it-talba tar-rikorrenti hijiex intempestiva fir-rigward tal-patteġġjament[42].

Jekk il-Qorti ssib li l-azzjoni tar-rikorrenit hija intempestiva hija għandha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skond l-istess artikolu.

L-eċċezzjoni tal-intempestivita qiegħda tiġi msejsa mill-intimati fuq is-sottomissjoni li b'din l-azzjoni r-rikorrenti qegħdin jippruvaw jikkontrollaw ix-xhieda li għandha u m'għandiex titressaq fil-proċess poenali. Jinsistu li s-sindikar ta' din il-Qorti għandu jseħħ biss wara li l-Qorti penali tkun tħalliet

[41] Paġna 19 tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni.

[42] Rigwardanti patteġġjament ara **Michael Portelli vs. Direttur Ġenerali tal-Qorti et** (Rik Kost 86/2018) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Marzu 2020.

taqdi l-poteri ġudizzjarja tagħha u tirregola hi l-preżentata u l-użu ta' dik ix-xhieda u provi.

M'huwiex ikkontestat li l-proċeduri kriminali għadhom pendenti.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Christopher Polidano vs. Avukat Generali** (Rik Kost 128/2018) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 2020 fejn għamlet referenza għal għadd ta' sentenzi li ttrattaw l-eċċezzjoni ta' intempestivita.

> "Illi fuq il-punt jekk l-azzjoni hijiex wahda prematura jew le, l-Qorti Kostituzzjonali gia kellha okkazzjoni li tesprimi ruhha fil-kawza fl-ismijiet **David sive David Norbert Schembri -vs- Avukat Generali** deciza nhar il-25 ta' Marzu, 2011 fejn qalet illi:
>
> '…kellha tqis il-process kollu, u mhux episodju wiehed mehud wahdu. Ghalkemm dwar id-decizjoni fuq jekk ir-rikorrent ghandux jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza ma hemmx rimedju ordinarju iehor, ghax dik id-decizjoni hija finali, dwar id-decizjoni fuq l-akkuza nfisha il-process ordinarju ghadu ghaddej, u ghalhekk ir-rikorrent ghadu jista' jinqeda bir-rimedji li taghtih il-ligi ordinarja. Dan huwa relevanti ghax il-jedd imhares taht l-Artikolu 6 huwa dwar id-decizjoni fuq l-akkuza kriminali, u mhux dwar id-decizjoni fuq jekk ir-rikorrent ghandux jigi msejjah biex iwiegeb ghall-akkuza. Fil-kaz tal-lum id-decizjoni illi l-kawza kriminali kontra r-rikorrent ghandha titmexxa 'l quddiem, fiha nfisha u wehedha, ma tolqot ebda jedd fondamentali mhares taht l-artikolu tal-Konvenzjoni li fuqu qieghed jistrieh ir-rikorrent.'
>
> Dwar id-decizjoni tal-Ewwel Qorti r-rikorrent **David sive David Norbert** kien ghamel l-argument illi:
>
> '... l-ghoti ta' rimedju jista' jigi anticipat jekk ikun se jinkiser dritt. Fis-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz fl-ismijiet Imbroscia v. Switzerland jinghad li:

‘The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.’

Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb **A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights**, 3rd Edition page 70:

‘**While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall’** (enfazi tal-Qorti).

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet ikkonfermat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti u cahdet l-aggravju.

Fis-sentenza moghtija biss ftit jiem wara dik precedenti fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Alvin Privitera** il-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet fil-11 ta’ April, 2011 illi:

‘…meta di gia jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista ssib li hemm lezjoni, il-Qorti m’ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Jista jaghti l-kaz li jkun tard wisq. ... Fil-fehma ta’ din il-Qorti n-nuqqas ta’ assistenza ta’ avukat fl-istadju ta’ investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jistghu jippregudikaw id-dritt ta’ persuna akkuzata irrimedjabilment.’

Fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Glenn Bedingfield -vs- Kummissarju tal-Pulizija et** deciza nhar is-7 ta’ April, 2003 il-Qorti tat tifsira tal-frazi ‘*x’aktarx ser jigi miksur*’ fejn irriteniet illi:

‘Kwantu ghat-tieni aggravju, huwa veru li s-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 jitkellem dwar allegazzjoni ta’ dak li jkun li xi dritt fondamentali tieghu “x’aktarx ser jigi miksur”, izda din l-espressjoni qatt ma giet interpretata, sia fil-kuntest ta’ l-imsemmi Artikolu 4 u sia fil-kuntest tad-disposizzjoni analoga fil-Kostituzzjoni, li l-Prim’ Awla (fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha) jew din il-Qorti ghandhom jiddeciedu kwistjonijiet jew fl-astratt jew fl-ipotesi li tavvera ruhha xi kontingenza partikolari. Biex wiehed jista’ jallega li “x`aktarx ser jigi miksur” xi dritt fondamentali il-fatti jridu jkunu tali li jistghu jwasslu ragjonevolment ghal stat ta’ fatt determinat, liema stat ta’ fatt ikun jikkozza ma’ xi wiehed jew aktar mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem.’

A propozitu wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta -vs- Carmel Camilleri** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-22 ta’ Frar, 2013 fejn gie ritenut illi ma kienx necessarjament il-kaz illi l-Ewwel Qorti kellha tistenna sakemm jintemm il-process kriminali qabel ma tqis l-ilment dwar il-vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Hekk qalet il-Qorti illi:

‘Tassew illi l-gurisprudenza generalment hija kif ighid l-Avukat Generali. Ukoll fil-kaz ta’ **Imbrioscia v. l-Isvizzera** (Q.E.D.B. 24 ta` Novembru 1993, rikors 13972/88.4), li wkoll kien dwar id-dritt ghall-ghajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti Ewropeja qalet illi kellha taghmel “a scrutiny of the proceedings as a whole”. Dan huwa principju generali li japplika ghall-jedd ghal smigh xieraq u ma jidhirx li hemm xi raguni ghala fil-kuntest tal-jedd ghall-ghajnuna ta’ avukat ghandu jkun differenti.

Madankollu, kif qalet din il-qorti fil-kaz ta’ **Il-Pulizija v. Alvin Privitera** (Q. Kost. 11 ta` April 2011), jista’ jigri illi episodju wiehed ikun determinanti ghall-ezitu tal-process kollu u ghalhekk ma jkunx il-kaz illi l-qorti tistenna sakemm jintemm il-kaz. Dan jista’ facilment jigri fil-kaz ta’ ammissjoni ta’ htija. Huwa minnu illi, jekk ikollha raguni ghax tahseb illi dik l-ammissjoni ma jkollhiex mis-sewwa, il-qorti tista’ ma toqghodx fuqha. Ma jistax ma jinghadx, izda, illi stqarrija ta’ htija aktar iva milli le tkun determinanti.

Din il-qorti ghalhekk ma tarax illi hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddisturba din il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti, u li wasslitha biex taghti decizjoni qabel ma jkun intemm il-process penali.

Barra minn hekk, dan il-kaz inbeda b'referenza mill-Qorti Kriminali, li waqqfet is-smigh quddiemha sakemm ikollha t-twegiba ghal dik ir-referenza. Ma setghetx ghalhekk l-Ewwel Qorti ma twegibx ghar-referenza billi tistenna sakemm jinghalaq il-process kriminali.

Safejn irid illi l-qorti tqis it-"totalità tal-procedura" qabel ma twiegeb ghar-referenza, l-aggravju huwa ghalhekk michud.'

Inghad ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Malcolm Said -vs- Avukat Generali et** deciza nhar l-24 ta' Gunju, 2016 illi:

'Madankollu, ghalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestici, li kienet ir-raguni ghala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li thares dritt fondamentali mhux biss "qieghda tigi" izda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tigi miksura". Jekk, meta jsir uzu minn stqarrija li tkun ittiehdet minghajr ma min jaghmilha jkollu l-ghajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, mela "x'aktarx" illi d-dritt ghal smigh xieraq jinkiser jekk jithalla li jsir uzu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun mehtieg minn issa sabiex ma thallix li dan isir.

[...]

Illi ghalhekk minn dan it-taghlim jinsorgi li meta l-proceduri jkunu ghandhom ma ntemmux u ghad mhux maghruf kif id-dritt tar-rikorrent ser jigi lez, il-proceduri kostituzzjonali jkunu ntempestivi. Mill-banda l-ohra, ilment waqt li l-proceduri jkunu ghandhom pendenti jkun jista' jitqies, meta d-dritt lamentat jkunu x'aktarx ser jigi lez u l-ksur tad-dritt ravvizat ikun wiehed reali u imminenti. Jehtieg ghalhekk li se mai dawn l-insenjamenti

jigu applikati, kaz b'kaz ghall-ilmenti partikolari kontenuti fir-rikors odjern fl-analizi tal-istess ilmenti u l-Qorti ma tqisx li huwa l-kaz li tigi milqugha jew michuda in toto din l-eccezzjoni mqajjma mill-Avukat Generali."

Fir-riferenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr Melvyn Mifsud** (Rik Kost 17/2011) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013 kien rilevat illi hija ġurisprudenza kostanti li l-eżami ta' jekk hemmx vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq irid isir billi jittieħed qies tal-proċedimenti kollha fit-totalita tagħhom u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti u mhux qabel. Il-Qorti kompliet tgħid li

"Dan hu ugwalment applikabbli meta din il-Qorti jkollha tikkunsidra jekk x`aktarx tkunx ser issehh tali vjolazzjoni. Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta` Strasburgu kkoncedew li in linea eccezzjonali xi fattur partikolari tal-proceduri jista` jkun tant determinanti ghad-dritt ghal smigh xieraq li ma jkunx mehtieg li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proceduri sabiex tiddeciedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni (Ara inter alia **Repubblika ta` Malta v. Carmel Camilleri**, ibid) izda dan ma hux il-kaz li ghandha l-Qorti quddiemha llum.

Fil-kaz tal-lum anki kieku kien minnu li naqsu xi notamenti bil-miktub li kienu xi darba jifformaw parti mill-atti - haga li, kif inghad, ma tirrizultax pruvata f`dawn il-proceduri mill-appellant fil-grad li trid il-ligi - il-Qorti ta` kompetenza kriminali tkun ghad trid tevalwa r-relevanza ta` dik il-kitba allegatament nieqsa [...]; il-Qorti riferenti jista` jehtigilha tipprovdi jekk ghandhiex tammetti xi prova sekondarja in sostituzzjoni ta` xi prova primarja u tkun ghad trid tiddetermina jekk il-prosekuzzjoni intentax l-azzjoni penali fiz-zmien previst mil-ligi u jekk tkunx ippruvat il-htija tal-akkuzat sal-grad previst mil-ligi penali u cioe` oltre d-dubbju ragjonevoli; u eventwalment, fid-dawl ta` dan kollu, tkun trid tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-appellant.

Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, ghalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u

tappi processwali appena elenkati, fost ohrajn, li jistghu jitqieghdu quddiemha fil-kors tal-process u ghalhekk certament il-fatt wahdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tieghu ghal riferenza lil din il-Qorti ma hux wahdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li ghalhekk hi ghal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti."[43]

Fil-kaz ta' **Tyrone Fenech et v. Malta** (Appl Nru 23243/2013) deċiża fil-5 ta' Jannar 2016, il-QEDB ipprovdiet li

"The Government submitted that the applicants' complaint was premature as their criminal proceedings were still pending. It was thus possible that the applicants would not be found guilty in which case they could not be considered victims in terms of the Convention (they referred to *Bouglame v. Belgium* (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Government contended that examining the applicants' complaint at this stage would not enable the Court to assess the basis of the applicants' "conviction", which had not yet taken place.

[...]

The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, *inter alia*, *Papadopoulos v. Greece* (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; *Arrigo and Vella*

[43] Ara **Av. Larry Formosa noe vs. L-Avukat Ġenerali** (Rik Kost 48/2017) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-30 t'April 2019 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2019. Ara wkoll **Peter Paul Said et vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija** (Rik Kost 71/2014) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2019 u **The Police vs. Austine Uche et** (Rik Nru 61/16) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-5 t'Ottubru 2018 u l-ġurisprudenza imsemmijien fihom.

*v. Malta* (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and *Pace v. Malta* (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, *inter alia*, *Mitterrand v. France* (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, *De Villepin v. France* (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).

In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually acquitted or that proceedings be discontinued (compare, *Dimech*, cited above, § 46).

The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, *Dimech*, cited above, § 48, *Kesik v. Turkey*, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and *Simons v. Belgium* (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see *Bouglame v. Belgium* (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).

The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.

Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies."

Ikkunsidrat;

Bl-azzjoni odjerna r-rikorrenti jilmentaw li ser jiġu żvantaġġjati bix-xhieda li ser jagħti Vincent Muscat fil-kawża kriminali li mixja kontrihom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja. Jgħidu li l-akkużi li nġabu kontrihom straħu biss fuq dak li ingħad minn persuna waħda – u għalhekk jikkontendu illi dan fih innifsu jilledi d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.

Kull persuna li titla' tixhed quddiem il-Qorti Istritutorja tista' ssirilha kontro-eżami mill-imputat.[44] Kull persuna li tkun tat ix-xiehda tagħha waqt l-inkjesta (kif ukoll l-esperti) tista' tinġieb waqt il-kawża sabiex twieġeb *viva voce* għal domandi li jsiru kemm mill-Prosekuzzjoni kif kif ukoll mid-difiża.[45] Il-proċess kriminali li għaddejjien minnu r-rikorrenti għadu miftuħ u jidher li miexi b'ritmu tajjeb. F'dak il-proċess r-rikorrenti għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom is-salvagwardji kollha illi jippermettu u jiggarantixxu li s-smigħ ikun xieraq.

Din il-Qorti hija tal-fehma li fl-istadju li tinsab fih il-kawża kriminali stitwita kontra r-rikorrenti, għadu bil-wisq prematur li jingħad kienx hemm diġa jew x'aktarx ikunx hemm leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-akkużati. In oltre din il-Qorti lanqas m'għandha kompetenza biex tintralċja ruħha fi proċeduri penali billi tirregola xi provi u xhieda li għandhom jitressqu. Dak huwa kompitu tal-Qrati penali.

Dan huwa punt li ġie diġa meqjus mill-qrati sede kostituzzjonali fosthom fis-sentenza **Yorgen Fenech vs. L-Avukat tal-Istat et** (Rik Kost 270/2020/2) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru 2021:

> "L-attur qiegħed jikkontesta l-ammissibilita` tal-provi fil-proċeduri kriminali tant hu hekk li minn dak li ntqal mid-difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni, fehmet li hemm eċċezzjonijiet f'dak is-sens quddiem il-Qorti

[44] Artikolu 393 tal-Kodiċi Kriminali.
[45] Artikolu 459 tal-Kodiċi Kriminali.

Kriminali. Hu f'dawk il-proċeduri li għandu jiġi deċiż jekk dawk l-istqarrijiet humiex ammissibbli bħala prova skont il-liġi ordinarja, u fil-każ jingħata r-rimedju opportun.

[...]

16. Madankollu fil-proċeduri kriminali li għad iridu jsiru quddiem il-Qorti Kriminali mhemm l-ebda ostakolu li jiġi argumentat li l-istqarrijiet li seta' għamel l-attur ma kinux volontarji jew li m'għandhomx jiġu kkonsidrati minħabba li ma kienx infurmat li għandu l-jedd tas-silenzju u li ma jinkriminax lilu nnifsu. Dan ukoll għal dak li jirrigwarda l-argument dwar kemm huma affidabbli bħala prova. Dan apparti li kull Qorti għandha d-dmir li tapplika u tinterpreta l-liġi ordinarja b'mod li tkun konformi mad-drittijet fundamentali skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Fil-proċeduri kriminali l-attur ser ikollu kull opportunita` li jikkontesta l-validita` tal-istqarrijiet kollha li ta lill-pulizija, kif il-Qorti fehmet li diġa` qiegħed jagħmel quddiem il-Qorti Kriminali. Dan apparti li l-attur ma ressaqx provi u lanqas m'għamel argumenti b'saħħithom li jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti li hu essenzjali li l-ilmenti tal-attur bażati fuq l-Art. 6 u 39 tal-Kostituzjoni għandhom jiġu mistħarrġa f'dan l-istadju qabel ma jkun hemm konsiderazzjoni tal-ilment tiegħu mill-aspett tal-liġi ordinarja u li għandu jsir fil-Qorti Kriminali.

[...]

18. Hu minnu li hemm sentenzi ta' din il-Qorti fir-rigward ta' stqarrijiet li persuna suspettata li wettqet reat tkun tat lill-pulizija fl-assenza ta' avukat biex jassistiha, li jgħidu jkun floku li dawk l-istqarrijiet ma jintużawx fil-proċeduri kriminali. Sentenzi ta' din il-Qorti li ngħataw meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Pero` dawk il-każijiet kienu ferm differenti minn dak in eżami, fejn il-Qorti fehmet li l-attur kien assistit minn avukat. Apparti li l-ilmenti tal-attur jinkludu kwistjoni dwar jekk l-istqarrijiet humiex ammissibbli skont il-liġi ordinarja, ċioe` l-Kodiċi Kriminali."

Tal-istess fehma kienet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **George Degiorgio vs. L-Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 92/2018) mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2021:

> "Dak li r-rikorrent qiegħed verament jitlob hu li din il-Qorti tiddeċiedi kwistjonijiet dwar ir-regolament u l-apprezzament tal-provi li jispetta lill-Qrati penali. Iżda din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza biex tintralċja ruħha fi proċeduri penali b'dan il-mod. Għalhekk lanqas sejra tippronunzja ruħha dwar jekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jirriżultawx jew le bħala fatt; għaliex jekk tagħmel hekk ikun hemm il-periklu li tippreġudika l-proċeduri kriminali. Dan jista' jkun ta' detriment kemm għall-prosekuzzjoni kif ukoll għad-difiża."

Ikkunsidrat;

Fil-każ odjern ma ġiex ippruvat li jeżisti jew seħħ episodju matul l-*iter* tal-proċeduri penali li jista' jkun determinanti għad-difiża tar-rikorrenti b'mod li l-ilment jiġġustifika li jigi eżaminat pendenti l-proċeduri kriminali. L-ilment tar-rikorrenti li n-nuqqas tas-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront tar-rikorrenti huwa lesiv tad-dritt fundamentali tagħhom għal smiegħ xieraq b'leżjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi eżaminat meta l-proċess penali jiġi konkluż u mhux f'dan l-istadju. Fil-fehma tal-Qorti in-nuqqas tas-separazzjoni tal-ġudizzju fl-isfond ta' lanjanza ta' indoli kostituzzjonali jeħtieġ jiġi eżaminat fl-isfond tal-proċess penali kollu anke għaliex ma hux mogħti lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li tinoltra ruħha fil-proċess penali u tordna jekk ir-rikorrenti għandhom ikollhom proċess penali wieħed flimkien jew separati.

Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li stħarriġ għall-finijiet tat-tutela ta' jeddijiet konvenzjonali u/jew kostituzzjonali jkun jista' jsir meta jkun evalwat il-proċediment penali fl-intier tiegħu. M'huwiex każ fejn jekk din il-Qorti ma tintervjenix, il-persuna tispiċċa sprovvista minn rimedju effettiv.

Fl-istess ħin il-lanjanzi ndikati mir-rikorrenti jistgħu jiġu trattati u ndirizzati fil-kors tal-proċediment penali li huwa pendenti. Fil-proċess penali l-Qorti għad ma kellhiex l-opportunita li tagħmel evalwazzjoni tal-provi sabiex fuqhom tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha.

**Il-Qorti għalhekk qed tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intervenuti Caruana Galizia u konsegwentement tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha mogħtija bl-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni.. Mhux meħtieġ għalhekk illi tiddelibera dwar l-eċċezzojoni f'paragrafu B tal-intervenuti Chircop.**

**Decide**

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi,**

**1. Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni sollevata mill-intervenuti fil-kawża Caruana Galizia u tiċħad l-eċċezzjoni paragrafu D sollevata mill-intervenuti fil-kawża Chircop, stante li r-rikorrenti għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jistitwixxu l-kawża odjerna;**

**2. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat, tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-intervenuti fil-kawża Caruana Galizia u tilqa' l-eċċezzjoni mmarkata ittra 'A' tal-intervenuti fil-kawża Chircop stante li kwistjonijiet dwar l-għoti ta' pariri lill-President tar-Repubblika dwar il-Prerogattiva ta' Maħfra Presidenzjali u kwistjonijiet dwar aġir skont tali pariri da parti tal-President tar-Repubblika ma jistgħux jiġu sindakati minn ebda Qorti lanqas fejn jiġi allegat leżżjoni tad-drittijiet fundamentali.**

**3. Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intervenuti fil-kawża Caruana Galizia fir-rigward tal-ilment kostituzzjonali referibbli għan-nuqqas ta' separazzjoni tal-proċeduri penali kontra r-rikorrenti u konsegwentement tiddeklina f'dan l-istadju tal-proċess penali milli teżerċita s-setgħat tagħha**

**mogħtija bl-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni.**

**4. Konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**In vista li mhux l-eċċezzjonijiet preliminari kollha ġew akkolti kif ukoll in vista tan-novelta' ta' uħud mill-eċċezzjonijiet deċizi l-Qorti qed tordna li l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
Illum, 29 ta' Marzu, 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**